It-12 ta' Settembru, 2025

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, 'Casa Bolino', 116, Triq il-Punent, Valletta, between 8.00 a.m. and 1.00 p.m. (winter hours) and between 8.00 a.m. and 11.30 a.m. (Summer hours).

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

12th September, 2025

Nru. 1439

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)

Avviż li hemm il-Ħsieb li Titoli ta' Art Jiġu Rreġistrati

B'DAN qed navża li jien irċevejt l-applikazzjonijiet li ġejjin għar-reġistrazzjoni ta' titoli ta' art deskritti hawn taħt minn:

No. 1439

LAND REGISTRATION ACT (CAP. 296)

Notice of Intention to Register Titles to Land

NOTICE is hereby given that I have received the following applications to register titles to land described below from:

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Il-Fontana	Korrezzjoni ta' LRA1288/2025 tal-att u l-pjanti rilevanti	Camilleri Simon et	LRA1833/2025
Fontana	*Correction of LRA1288/2025 of contract and relevant plans*	*Camilleri Simon*	
Il-Fontana	Korrezzjoni ta' proprjetà 19000315 u 19000313 tal-att u pjanti rilevanti	Mizzi Jonathan	LRA1834/2025
Fontana	*Correction of property 19000315 and 19000313 of contract and relevant plans*	*Mizzi Jonathan*	
Għajnsielem	Fond Nru 32, 'Serenity', aċċessibbli minn passaġġ u entratura fi Triq Ħamri in parti transferiment parzjali ta' proprjetà 22000990	Azzopardi Francine	LRA1844/2025
Għajnsielem	*Premises No. 32, 'Serenity', aċċess from passage and entrance in Triq Ħamri and in part part transfer of property 22000990*	*Azzopardi Francine*	
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' proprjetà 22001469 tal-pjanti rilevanti	Portelli Alfonsina	LRA1851/2025
Għajnsielem	*Correction of property 22001469 of relevant plans*	*Portelli Alfonsina*	
Għajnsielem	Korrezzjoni ta' proprjetà LRA233/21 tal-pjanti rilevanti	Azzopardi Maria Assunta	LRA1855/2025
Għajnsielem	*Correction of property LRA233/21 of relevant plans*	*Azzopardi Maria Assunta*	
L-Għarb	Korrezzjoni ta' LRA2224/05 tal-pjanti rilevanti	Gvern ta' Malta	LRA1847/2025
Għarb	*Correction of LRA2224/05 of relevant plans*	*Government of Malta*	
Il-Munxar	Korrezzjoni ta' proprjetà 42001771 tal-pjanti rilevanti u tal-att	Bugeja Mario et	LRA1850/2025
Munxar	*Correction of property 42001771 of relevant plans*	*Bugeja Mario et*	
In-Nadur	Korrezzjoni ta' proprjetà 43000366 tal-pjanti rilevanti u in parti trażmissjoni parzjali ta' proprjetà 43000366	Farrugia Maria	LRA1828/2025
Nadur	*Correction of property 43000366 of relevant plans and in part part transmission of property 43000366*	*Farrugia Maria*	
Il-Qala	Korrezzjoni ta' proprjetà 48005412 tal-att	Farrugia Maria	LRA1819/2025
Qala	*Correction of property 48005412 of contract*	*Farrugia Maria*	
Il-Qala	Korrezzjoni ta' proprjetà 48001259 tal-att	Mifsud Gordon et	LRA1820/2025
Qala	*Correction of property 48001259 of contract*	*Mifsud Gordon et*	
Il-Qala	Korrezzjoni ta' proprjetà 48001260 tal-att	Mifsud Gordon et	LRA1821/2025
Qala	*Correction of property 48001260 of contract*	*Mifsud Gordon*	

Lokalità *Locality*	Proprjetà *Property*	Applikant *Applicant*	LR-A *LR-A*
Il-Qala	Korrezzjoni ta' proprjetà 48001259 tal-att	Farrugia Maria et	LR1822/2025
Qala	*Correction of property 48001260 of contract*	*Farrugia Maria et*	
Il-Qala	1/100 indiviż minn porzjon art magħrufa 'Ta' Cini', kuntrada 'Tas-Sajtun', tal-kejl ta' 266.68m.k.	Galea Theresa	LRA1848/2025
Qala	*1/100 undivided share of portion of land known as 'Ta' Cini', limits 'Tas-Sajtun', covering an area of 266.68s.m.*	*Galea Theresa*	
Il-Qala	1/100 indiviż minn porzjon art magħrufa 'Ta' Cini', kuntrada 'Tas-Sajtun', tal-kejl ta' 266.68m.k.	Camilleri James	LRA1849/2025
Qala	*1/100 undivided share of portion of land known as 'Ta' Cini', limits 'Tas-Sajtun', covering an area of 266.68s.m.*	*Camilleri James*	
Il-Qala	Fond Nru 28, fi Pjazza San Ġużepp	Mercieca Mary-Anne	LRA1857/2025
Qala	*Premises No. 28, in Pjazza San Ġużepp*	*Mercieca Mary-Anne*	
Il-Qala	Porzjon art margħrufa 'Tal-Marga' fi Triq il-Kunċizzjoni tal-kejl ta' 43.6m.k.	Mercieca Mary-Anne	LRA1859/2025
Qala	*Portion of land known as 'Tal-Marga' in Triq il-Kunċizzjoni covering an area of 43.6s.m.*	*Mercieca Mary-Anne*	
Il-Qala	1/2 indiviż Fond Nru 14, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni	Mercieca Mary-Anne	LRA1862/2025
Qala	*1/2 undivided share of Premises No. 14, Triq l-Immakultata Kunċizzjoni*	*Mercieca Mary-Anne*	
Il-Qala	1/2 indiviż Fond Nru 14, Triq l-Immakulata Kunċizzjoni	Mercieca Mary-Anne	LRA1861/2025
Qala	*1/2 undivided share of Premises No. 14, Triq l-Immakultata Kunċizzjoni*	*Mercieca Mary-Anne*	
Ir-Rabat, Għawdex	1/7 indiviż u 1/6 indiviż ta' 1/7 indiviż porzjon art magħrufa 'Ta' Dahar il-Ħmar' sive 'Ta' Lourdes' tal-kejl ta' 455m.k.	Farrugia Carmen	LRA1845/2025
Victoria, Gozo	*1/7 undivided share and 1/6 undivided share of 1/7 undivided share portion of land known as 'Ta' Dahar il-Ħmar' sive 'Ta' Lourdes' covering an area of 455s.m.*	*Farrugia Carmen*	
Ir-Rabat, Għawdex	1/7 indiviż u 1/6 indiviż ta' 1/7 indiviż porzjon art magħrufa 'Ta' Dahar il-Ħmar' sive 'Tal-Għar' tal-kejl ta' 750m.k.	Farrugia Carmen	LRA1846/2025
Victoria, Gozo	*1/7 undivided share and 1/6 undivided share of 1/7 undivided share portion of land known as 'Ta' Dahar il-Ħmar' sive 'Tal-Għar' covering an area of 750s.m.*	*Farrugia Carmen*	
Ix-Xewkija	1/2 indiviż Fond Nru 13, 'Josmar', Triq Sant'Elija	Pace Salvina et	LRA1831/2025
Xewkija	*1/2 undivided share Premises No. 13, 'Josmar', Triq Sant'Elija*	*Pace Salvina et*	

L-applikazzjonijiet, pjanti tal-art u d-dokumenti ppreżentati magħhom jistgħu jiġu eżaminati fir-Reġistru tal-Artijiet, L-Amministrazzjoni, Triq ta' Wara s-Sur, Ir-Rabat, Għawdex, bejn it-8.00 a.m. u s-2.00 p.m.

The applications, plans of the land and accompanying documents may be inspected at the Land Registry, The Administration, Triq ta' Wara s-Sur, Victoria, Gozo, between 8.00 a.m. and 2.00 p.m.

Dott. Miriam Rapa, LLD
għar-Reġistratur tal-Artijiet

Dr Miriam Rapa, LLD
for/Land Registrar

It-12 ta' Settembru, 2025

12th September, 2025

Nru. 1440

TISMIJA TA' TOROQ F'GĦAWDEX

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 363.10, il-Prim Ministru ordna t-tismija tat-toroq kif speċifikat u indikat hawn taħt.

No. 1440

NAMING OF STREETS IN GOZO

IN exercise of the powers conferred by Subsidiary Legislation 363.10, the Prime Minister has directed the naming of the streets as specified and indicated hereunder.

GĦAJNSIELEM

Triq ġdida fi Triq l-Imġarr, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ ĠUŻEPP CIANTAR
1906 - 1988



IR-RABAT (GĦAWDEX)

Triq ġdida fi Triq il-Miħna, indikata b'linja fuq il-mappa hawn riprodotta, tissemma:

TRIQ
SWOR MARCELLINA TABONE
MISSJUNARJA FIL-PAKISTAN
1947 - 1997



It-12 ta' Settembru, 2025 12th September, 2025

Nru. 1441

ATT DWAR IL-CONDOMINIA
(KAP. 398)

B'DIN qed ngħarraf li jiena rċivejt applikazzjoni għar-reġistrazzjoni u/jew emendi tar-regolamenti li jirregolaw l-imsemmija condominia:

No. 1441

CONDOMINIUM ACT
(CAP. 398)

NOTICE is hereby given that I have received an application for the registration of and/or amendment to rules regulating the following condominia:

Numru tal-Condominium *Condominium Number*	Indirizz tal-Condominium *Address of Condominium*	Rimarki *Remarks*	Data tar-Reġistrazzjoni *Date of Registration*
7010	155, 'Palazzo Zoe', Triq San Nikola, Il-Belt Valletta	Registration of Rules	05/08/2025
6832	256, 'Carus Makkaio', Triq il-Qaliet, Wied il-Għajn	Registration of Rules	25/08/2025
5808	'The Pantheon', Blk F, Triq id-Diviża Ċivili, Il-Mosta	Registration of Rules	26/08/2025
5809	'The Pantheon', Blk G, Triq id-Diviża Ċivili, Il-Mosta	Registration of Rules	26/08/2025
5810	'The Pantheon', Blk H, Triq id-Diviża Ċivili, Il-Mosta	Registration of Rules	26/08/2025

Dott. Claude Sapiano, LLD
Reġistratur tal-Artijiet

Dr Claude Sapiano, LLD
Land Registrar

It-12 ta' Settembru, 2025

12th September, 2025

Nru. 1442

ATT DWAR IR-REĠISTRAZZJONI TA' ARTIJIET (KAP. 296)

Avviż ta' Notifika ta' Kawzjoni

B'DIN qed navża li fid-9 ta' Lulju, 2025, intbagħtet ittra reġistrata indirizzata lis-Sinjura Samantha Paula Blizzard fl-indirizz '7, Sanctuary of Our Lady of Loreto Square', Għajnsielem, li biha qed tiġi notifikata l-kawzjoni LRC263/25 fuq l-għar ossija stalla fil-basement level tal-kejl ta' 32.5m.k. u li preżentament reġistrata li tiffoma parti integrali mill-proprjetà bin-numru 7, Pjazza Madonna ta' Loretu, Għajnsielem, Għawdex.

No. 1442

LAND REGISTRATION ACT (CAP 296)

Notice of Notification of a Caution

I HEREBY notifty that on 9th July, 2025 a registered letter addressed to Ms Samantha Paula Blizzard at the address '7, Sanctuary of Our Lady of Loreto Square', Għajnsielem, was sent notifying her of the caution LRC263/25 on the cave situated at basement level having a superficial area of 32.5sqm and is currently registered as forming part of the property numbered 7, Sanctuary of Our Lady of Loreto Square, Għajnsielem, Gozo.

It-12 ta' Settembru, 2025

12th September, 2025

Nru. 1443

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

No. 1443

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
12.9.2025	€100.237	€1.131

It-12 ta' Settembru, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 205

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

In-Naxxar

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Ottubru, 2025, mis-2.00 p.m. sas-7.00 p.m., minn Pjazza Vittorja, Triq il-Kbira u Triq is-Salib.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Settembru, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 206

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Il-Furjana

Mis-6.00 a.m. tat-Tlieta, 9 ta' Settembru, 2025 sa nofsillejl tat-Tnejn, 22 ta' Settembru, 2025, minn Vjal ir-Re Dwardu VII minn Triq l-Assedju l-Kbir sat-Tritoni.

12th September, 2025

POLICE NOTICE

No. 205

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Naxxar

On Sunday, 5th October, 2025, from 2.00 p.m. to 7.00 p.m., through Pjazza Vittorja, Triq il-Kbira and Triq is-Salib.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

12th September, 2025

POLICE NOTICE

No. 206

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Floriana

From 6.00 a.m. of Tuesday, 9th September, 2025 to midnight of Monday, 22nd September, 2025, through Vjal ir-Re Dwardu VII from Triq l-Assedju l-Kbir to Tritoni.

It-trasport pubbliku (Valletta circular bus) jista' jkun affettwat.

Ix-Xewkija

Mis-7.00 a.m. tal-Ħamis, 11 ta' Settembru, 2025 sas-6.00 p.m. tal-Ħadd, 14 ta' Settembru, 2025, parkeġġ se jkun projbit fiż-żona tal-parkeġġ ta' Pjazza San Ġwann Battista;

Mis-7.00 a.m. tas-Sibt, 13 ta' Settembru, 2025 sas-6.00 p.m. tal-Ħadd, 14 ta' Settembru, 2025, minn Pjazza San Ġwann Battista, Triq l-Arċipriet Pietru Pawl Ciantar u parti minn Triq San Bert u Triq San Żakkarija. Parkeġġ se jkun projbit fi Triq il-Knisja u Triq l-Indipendenza.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Birkirkara

Nhar il-Ġimgħa, 12 ta' Settembru, 2025, mit-3.00 p.m. sad-9.00 p.m., minn Triq Franġisk Xerri.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Qormi

Nhar il-Erbgħa, 17 ta' Settembru, 2025, mill-4.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza San Franġisk.

L-għeluq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat;

Nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru, 2025, mill-5.00 p.m. sal-11.59 p.m., minn Wesgħat Renald Falzon quddiem Michael's Bar.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat;

Nhar is-Sibt, 20 ta' Settembru, 2025, mill-5.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Triq il-Kbira, Triq San Bastjan, Triq San Bartolomew, Triq San Ġorġ, Triq Dun Marju, Triq Stagno, Triq il-Ħammieri, Triq il-Ħelsien, Triq il-Plejju, Triq id-Dragun, Triq il-Vitorja, Triq Rossa, Triq Pinto, Triq il-Vitorja, Triq San Rafel, Triq id-Dejqa, Triq il-Knisja Arċipretali, Pjazza Narbona, Triq il-Fontanier, Triq is-Sienja, Triq Patri G. Spiteri Fremond u Triq l-Arkata.

L-għeluq tat-toroq se jsir skont il-bżonn u t-trasport pubbliku mhux se jkun devjat.

Hemm bżonn ta' clearance.

Ħaż-Żebbuġ

Nhar is-Sibt, 20 ta' Settembru, 2025, mis-2.00 p.m. sal-11.30 p.m., minn Triq Sciortino mir-roundabout ż-żgħira ta'

Public transport (Valletta circular bus) may be affected.

Xewkija

From 7.00 a.m. of Thursday, 11th September, 2025 to 6.00 p.m. of Sunday, 14th September, 2025, parking will be prohibited in the parking area of Pjazza San Ġwann Battista;

From 7.00 a.m. of Saturday, 13th September, 2025 to 6.00 p.m. of Sunday, 14th September, 2025, through Pjazza San Ġwann Battista, Triq l-Arċipriet Pietru Pawl Ciantar and part of Triq San Bert and Triq San Żakkarija. Parking will be prohibited in Triq il-Knisja and Triq l-Indipendenza.

Public transport may be affected.

Birkirkara

On Friday, 12th September, 2025, from 3.00 p.m. to 9.00 p.m., through Triq Franġisk Xerri.

Public transport will be affected.

Ħal Qormi

On Wednesday, 17th September, 2025, from 4.00 p.m. to 8.00 p.m., through Pjazza San Franġisk.

Closure will take place as required and public transport will not be diverted;

On Friday, 19th September, 2025, from 5.00 p.m. to 11.59 p.m., through Wesgħat Renald Falzon in front of Michael's Bar.

Public transport will not be affected;

On Saturday, 20th September, 2025, from 5.00 p.m. to 8.00 p.m., through Triq il-Kbira, Triq San Bastjan, Triq San Bartolomew, Triq San Ġorġ, Triq Dun Marju, Triq Stagno, Triq il-Ħammieri, Triq il-Ħelsien, Triq il-Plejju, Triq id-Dragun, Triq il-Vitorja, Triq Rossa, Triq Pinto, Triq il-Vitorja, Triq San Rafel, Triq id-Dejqa, Triq il-Knisja Arċipretali, Pjazza Narbona, Triq il-Fontanier, Triq is-Sienja, Triq Patri G. Spiteri Fremond and Triq l-Arkata.

Closure of streets will take place as required and public transport will not be diverted.

Clearance is required.

Ħaż-Żebbuġ

On Saturday, 20th September, 2025, from 2.00 p.m. to 11.30 p.m., through Triq Sciortino from the small roundabout

ma' Vjal il-Ħelsien, Misraħ San Filep minn ħdejn il-knisja kantuniera ma' Triq il-Kbira u minn ħdejn il-knisja kantuniera ma' Triq il-Parroċċa, Triq Luret Vella minn Triq l-Isqof, Triq il-Kbira minn Triq Frans Sammut u Triq Monsignor S. Milanesi minn Triq Frans Sammut.

It-trasport pubbliku se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 3 ta' Ottubru, 2025 sas-2.00 a.m. tas-Sibt, 4 ta' Ottubru, 2025, minn parti minn Misraħ San Filippu mill-football club antik taż-Żebbuġ Rangers sa kantuniera ma' Triq il-Kbira.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

Hemm bżonn ta' clearance;

Nhar il-Ħadd, 5 ta' Ottubru, 2025, mis-6.00 a.m. sal-10.00 a.m., minn Triq l-Imdina mir-roundabout tad-Dorotei sar-roundabout tas-Saqqajja – direzzjoni biss lejn ir-Rabat.

It-trasport pubbliku mhux se jkun affettwat.

M'hemmx bżonn ta' clearance.

Ir-Rabat, Għawdex

Nhar il-Ħadd, 21 ta' Settembru, 2025, mill-4.00 p.m. 'il quddiem, hemm bżonn ta' clearance fi Pjazza Indipendenza u quddiem il-knisja Savina fi Pjazza Savina, u mis-6.00 p.m. 'il quddiem minn Triq ir-Repubblika minn Triq l-Imgħallem sa Pjazza Savina.

It-trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Settembru, 2025

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 207

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Hal Għaxaq

Nhar is-Sibt, 13 ta' Settembru, 2025, mit-3.00 p.m. sa nofsillejl, minn Triq Santa Marija.

intersecting Vjal il-Ħelsien, Misraħ San Filep from near the church corner with Triq il-Kbira and from near the church corner with Triq il-Parroċċa, Triq Luret Vella from Triq l-Isqof, Triq il-Kbira from Triq Frans Sammut and Triq Monsignor S. Milanesi from Triq Frans Sammut.

Public transport will be affected.

Clearance is required;

From noon of Friday, 3rd October, 2025 to 2.00 a.m. of Saturday, 4th October, 2025, through part of Misraħ San Filippu from the former Żebbuġ Rangers football club to corner with Triq il-Kbira.

Public transport will not be affected.

Clearance is required;

On Sunday, 5th October, 2025, from 6.00 a.m. to 10.00 a.m., through Triq l-Imdina from Dorotei's roudabout to Saqqajja's roundabout – direction towards Rabat only.

Public transport will not be affected.

Clearance is not required.

Victoria, Gozo

On Sunday, 21st September, 2025, from 4.00 p.m. onwards, clearance is required in Pjazza Indipendenza and in front of Savina church in Pjazza Savina, and from 6.00 p.m. onwards through Triq ir-Repubblika from Triq l-Imgħallem to Pjazza Savina.

Public transport may be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

12th September, 2025

POLICE NOTICE

No. 207

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Hal Għaxaq

On Saturday, 13th September, 2025, from 3.00 p.m. to midnight, through Triq Santa Marija.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-12 ta' Settembru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 155 tal-2025

Tindif ta' Qiegħ il-Baħar ħdejn iċ-Ċirkewwa South Quay

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, javża lill-baħħara li se jsir tindif ta' qiegħ il-baħar minn għaddasa ħdejn iċ-Ċirkewwa South Quay, fiż-żona A, B, C, D u x-xatt ta' bejniethom, kif muri bl-aħmar fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

	Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
A	35º 59'.192	014º 19'.706
B	35º 59'.147	014º 19'.656
C	35º 59'.049	014º 19'.941
D	35º 59'.116	014º 19'.972

It-tindif se jsir nhar is-Sibt, 13 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.30 a.m. u s-1.00 p.m.

L-għaddasa se jkunu qed itajru l-Bandiera tal-Kodiċi Internazzjonali tas-Sinjali 'A'.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'kawtela u b'veloċità baxxa meta jkunu fil-viċinanza, fid-data u l-ħin stipulati.

Huma għandhom jikkoperaw mal-organizzaturi u josservaw kwalunkwe struzzjoni maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fuq il-post.

Chart affettwata: BA 211

It-12 ta' Settembru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 156 tal-2025

Użu Ristrett tal-Iskal fil-Bajja ta' Ġnejna

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-pubbliku ġenerali li minħabba xogħlijiet fil-viċinanza tal-iskal fil-Bajja tal-Gnejna, l-użu tal-iskal se jkun ristrett mit-Tlieta, 16 ta' Settembru, 2025 sal-Ġimgħa, 31 ta' Ottubru, 2025.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

12th September, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 155 of 2025

Seabed clean-up near Ċirkewwa South Quay

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a seabed clean-up operation by divers near Cirkewwa South Quay, will be held within the area A, B, C, D and the intermediate coastline, as shown in red on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

	Latitude (N)	*Longitude (E)*
A	35º 59'.192	014º 19'.706
B	35º 59'.147	014º 19'.656
C	35º 59'.049	014º 19'.941
D	35º 59'.116	014º 19'.972

The clean-up will be held on Saturday, 13th September, 2025, between 8.30 a.m. and 1.00 p.m.

The divers will be exhibiting the International Code of Signals Flag 'A'.

Mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate with extreme caution and at slow speed when in the vicinity, on the stipulated date and time.

They are to cooperate with the organisers and to comply with any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any enforcement official on site.

Chart affected: BA 211

12th September, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 156 of 2025

Restricted Usage of Slipway at Ġnejna Bay

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners and the general public that due works in the vicinity of the slipway at Gnejna Bay, the slipway's usage will be restricted as from Tuesday, 16th September, 2025 to Friday, 31st October, 2025.

L-iskal huwa murija b'ċirku aħmar fuq il-grafika kif muri fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt) u ċċentrata fuq il-pożizzjoni ta' hawn taħt.

Latitudni (N)	*Longitudni (E)*
35° 55'.282	014° 20'.626

Il-baħħara u l-pubbliku ġenerali għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq u jikkoperaw mal-kuntrattur fuq il-post.

Il-baħħara għandhom josservaw ukoll kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF channel 12 u/jew 16 mill-Valletta VTS.

Chart affettwata: BA 2538

It-12 ta' Settembru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 157 tal-2025

Iffilmjar minn lokalitajiet differenti – Psyche

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara u lill-operaturi tal-bastimenti tal-baħar kollha li se jsir iffilmjar f'lokalitajiet differenti.

L-iffilmjar se jsir fid-dati u l-ħin elenkati f'kull waħda mill-lokalitajiet li ġejjin.

Il-Port tal-Imġarr

L-iffilmjar huwa skedat li jsir nhar it-Tnejn, 15 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.00 a.m. u t-3.00 p.m., miż-żona A1, u bejn it-3.00 p.m. u s-6.00 p.m. fiż-żona A2 kif muri fuq iċ-ċart A kif muri fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Fuq il-baħar

L-iffilmjar huwa skedat li jsir nhar it-Tlieta, 16 u l-Ħamis, 18 ta' Settembru, 2025, bejn is-7.30 a.m. u s-6.00 p.m., miż-żoni B1 u B2, kif muri fuq chart B fuq is- sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Fuq ix-xatt tal-Lvant u l-Punent ta' Kemuna

L-iffilmjar huwa skedat li jsir nhar l-Erbgħa, 17 ta' Settembru, 2025, bejn is-7.30 p.m. u s-6.00 p.m., mill-punti C u D, kif muri fuq il-mapep mehmuża C u D kif muri fis-sit ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Matul il-ġranet u l-ħin imsemmija hawn fuq, għas-sigurtà tal-għawwiema u l-għaddasa, il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti u jinnavigaw b'veloċità baxxa (mingħajr rima).

The slipway is shown by a red circle on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt) and centred on the below position.

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 55'.282	014° 20'.626

Mariners and the general public are to note the above and co-operate with the contractor on site.

Mariners are also to comply with any instructions given on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS.

Chart affected: BA 2538

12th September, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 157 of 2025

Filming from different localities – Psyche

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies all mariners and sea vessel operators that filming activities will take place at different localities.

Filming will take place on the listed dates and time at each of the following locality.

Mġarr Harbour

Filming is scheduled to be carried out on Monday, 15th September, 2025, between 8.00 a.m. and 3.00 p.m., from shooting area A1, and between 3.00 p.m. and 6.00 p.m. from shooting area A2 as shown on the chart A found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

Out at sea

Filming is scheduled to be carried out on Tuesday, 16th and Thursday, 18th September, 2025, between 7.30 a.m. and 6.00 p.m., from shooting areas B1 and B2, as shown on chart B found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

On the forshore of east and west of Comino

Filming is scheduled to be carried out on Wednesday, 17th September, 2025 between 7.30 a.m. and 6.00 p.m., from points C and D, as shown on charts C and D found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

During the days and time mentioned above, for the safety of the swimmers and divers, mariners are advised to keep a sharp lookout and navigate at slow speed (no wake).

Waqfien fiż-żona tal-iffirmijar mhux permess. Konsegwentement, il-kaptani u l-operaturi tal-bastimenti li jgħaddu minn dawn iż-żoni, m'għandhomx jirmiġġaw jew jitfgħu l-ankra u għandhom jibqgħu għaddejjin.

Il-baħħara li jinnavigaw fil-viċinanza taż-żona indikata fid-dati u l-ħin imsemmija għandhom isegwu fuq VHF channel 12/16 u għandhom jikkoperaw mal-ekwipaġġ tal-iffilmjar u/jew kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fiż-żoni.

Kull struzzjoni maħruġa fuq il-kanal VHF channel 12/16 minn Valletta VTS għandha tiġi osservata.

Charts affettwati: BA 211, 194, 2537

It-12 ta' Settembru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 158 tal-2025

Avvenimenti ta' għawm mill-Ponta tal-Aħrax, Malta, għal Ġebel tal-Ħalfa, Għawdex – Swimtrek

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsiru serje ta' avvenimenti tal-għawm li jibdew mill-Ponta tal-Aħrax, Malta, u jispiċċaw f'Ġebel tal-Ħalfa, Għawdex, f'kull waħda mill-jiem li ġejjin:

L-Erbgħa, 24 ta' Settembru 2025, il-Ħadd, 28 ta' Settembru, 2025, l-Erbgħa, l-1 ta' Ottubru, 2025, it-Tnejn, 6 ta' Ottubru, 2025, l-Erbgħa, 8 ta' Ottubru, 2025, is-Sibt, 11 ta' Ottubru, 2025, u l-Erbgħa, 15 ta' Ottubru, 2025.

Il-parteċipanti jitilqu mill-Ponta tal-Aħrax, Malta, punt A, madwar it-8.30 a.m. u jispiċċaw f'Ġebel tal-Ħalfa, Għawdex, punt D, madwar is-1.30 p.m. Se jkunu qed isegwu r-rotta tul il-punti A, B, C, u D kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

Il-parteċipanti se jkunu akkumpanjati minn RHIB u l-bastimenti ta' appoġġ The Neptune u X-Knots.

Il-Fliegu ta' Kemmuna se jkun ristrett għan-navigazzjoni mit-8.30 a.m. sal-11.00 a.m. u il-Fliegu ta' Għawdex se jkun ristrett għan-navigazzjoni mill-11.30 a.m. sas-1.30 p.m.

Jekk f'xi waħda mill-ġranet imsemmija hawn fuq, l-avvenimenti ma jkunux jistgħu jsiru, isir tentattiv ieħor l-għada tal-avveniment pospost, u l-istess rotta tiġi segwita fl-istess ħin.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti, jipproċedu b'veloċità baxxa u jżommu 'l bogħod sew miż-żona matul id-dati u l-ħin stipulati, u jagħtu lill-għawwiema u

No loitering is being requested. Consequently, masters and operators of vessels transiting these areas, shall not moor or drop anchor and must remain underway.

Mariners navigating in the vicinity of the indicated area on the mentioned dates and time are to keep watch on VHF channel 12/16 and are to cooperate with the filming crew and/or any enforcement officers in the areas.

Any instructions issued on VHF channel 12 / 16 by Valletta VTS are to be complied with.

Charts affected: BA 211, 194, 2537

12th September, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 158 of 2025

Swimming events from Il-Ponta tal-Aħrax, Malta, to Ġebel tal-Ħalfa, Gozo – Swimtrek

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a series swimming events starting from Il-Ponta tal-Aħrax, Malta, and finishing in Ġebel tal-Ħalfa, Gozo, will be held on each of the following days:

Wednesday, 24th September, 2025, Sunday, 28th September, 2025, Wednesday, 1st October, 2025, Monday, 6th October, 2025, Wednesday, 8th October, 2025, Saturday, 11th October, 2025, and Wednesday, 15th October, 2025.

The participants will depart from Il-Ponta tal-Aħrax, Malta, point A, at approximately 8.30 a.m. and finish at Ġebel tal-Ħalfa, Gozo, point D, at approximately 1.30 p.m. They will be following the route along the points A, B, C, and D as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The participants will be accompanied by a RHIB and the support vessels The Neptune and X-Knots.

Il-Fliegu ta' Kemmuna will be restricted to navigation from 8.30 a.m. to 11.00 a.m. and Il-Fliegu ta' Għawdex will be restricted to navigation from 11.30 a.m. to 1.30 p.m.

If on any of the days mentioned above, the events cannot be held, they will try again on the day after the postponed event, and the same route will be followed at the same time.

Mariners are advised to keep a sharp lookout, to proceed at slow speed and to keep well clear of the area during the stipulated dates and time, giving the swimmers and support

'l-bastiment ta' appoġġ u r-RHIB spazju wiesa'. Huma ħandhom josservaw mill-qrib kull struzzjoni maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS u minn kwalunkwe assi ta' infurzar marittimu fiż-żona.

Charts affettwati: BA 211A, 2537 u 2538

It-12 ta' Settembru, 2025

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru 159 tal-2025

Avveniment ta' ranking tad-dinghies 'il barra minn Tas-Sliema/San Ġiljan u Smart City/ ix-Xatt ta' Marsaskala

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se jsir avveniment ta' klassifikazzjoni tad-dinghies 'il barra minn Tas-Sliema/San Ġiljan u 'l barra minn Smart City/ix-xatt ta' Marsaskala.

It-tlielaq se jsiru 'l barra minn Tas-Sliema/San Ġiljan fi ħdan iż-żona tat-tiġrija 1 u barra minn Smart City/ix-xatt ta' Marsaskala fi ħdan iż-żona tat-tlielaq 2, kif jidher fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt), fil-jiem u l-ħinijiet li gejjin:

Nhar is-Sibt, 20 ta' Settembru 2025, bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m., u nahr il-Ħadd, 21 ta' Settembru, 2025, bejn id-9.00 a.m. u l-5.00 p.m.

Bagi oranġjo li jintefħu biex jindikaw il-korsa jitqiegħdu fiż-żoni msemmija hawn fuq fil-ħin tal-bidu indikat hawn fuq u jitneħħew sas-6.00 p.m., f'kull jum tat-tlielaq.

Il-bastimenti kollha li mhumiex involuti fl-attività għandhom iżommu 'l bogħod mill-bastimenti tal-qlugħ li jkunu qed jikkompetu u għandhom isegwu kwalunkwe struzzjoni mogħtija mill-uffiċjali tat-tellieqa, il-bastimenti ta' appoġġ u kwalunkwe uffiċjal tal-infurzar fiż-żona.

Il-baħħara li qed jinnavigaw fil-viċinanzi għandhom jinnutaw dan ta' hawn fuq, isegwu fuq VHF channel 12 u/jew 16 u għandhom jagħtu liż-żoni indikati spazju wiesa'. Humaavżati wkoll biex josservaw bis-sħiħ ir-Regola 18 (COLREGS 1972) u biex iżommu 'l bogħod' mill-bastimenti tal-qlugħ li jipparteċipaw fir-Regatta.

Kwalunkwe struzzjonijiet maħruġa fuq VHF Channel 12 u/jew 16 minn Valletta VTS għandhom jiġu mħarsa.

Charts affettwati: BA 177, 2538, 2537

It-12 ta' Settembru, 2025

vessel and RHIB a wide berth. They are to observe closely, any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS and by any maritime enforcement assets in the area.

Charts affected: BA 211A, 2537 and 2538

12th September, 2025

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 159 of 2025

Dinghy ranking event off Tas-Sliema/ Saint Julian's and Smart City/ Marsaskala seafront

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, hereby notifies mariners that a dinghy ranking event, will be held off Sliema/St Julian's seafront and off Smart City/ Marsaskala seafront.

The races will be held off Sliema/Saint Julian's seafront within race area 1 and off Smart City/Marsascala seafront within race area 2, as shown on the chart found on the Transport Malta website (www.transport.gov.mt), on the following days and times:

On Saturday, 20th September, 2025, between 9.00 a.m. and 5.00 p.m., and on Sunday, 21st September 2025, between 9.00 a.m. and 5.00 p.m.

Orange inflatable marker buoys to indicate the racecourse within the abovementioned areas will be laid at the start time indicated above and will be removed by 6.00 p.m., on each day of the races.

All vessels that are not involved in the activity are to keep well clear from the competing sailing vessels and are to follow any instructions given by the race officials, the support vessels and any enforcement officers in the area.

Mariners navigating in the vicinity are to note the above, keep watch on VHF channel 12 and/or 16 and are to give the areas indicated a wide berth. They are further instructed to fully comply with Rule 18 (COLREGS 1972) and to 'keep out of the way' of the sailing vessels participating in the Regatta.

Any instructions issued on VHF channel 12 and/or 16 by Valletta VTS are to be complied with.

Chart affected: BA 177, 2538, 2537

12th September, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Senior Manager taċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni (full-time), mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu (kuntratt definit)

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 521/2025 (it-tielet sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Senior Manager taċ-Ċentru tad-Distribuzzjoni (full-time) fuq bażi ta' kuntratt definit għal sena, li jista' jiġġedded għal perijodi oħra ta' sena, sa massimu ta' tliet snin, suġġett għall-prestazzjoni sodisfaċenti.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat fil-Livell 6 tal-MQF jew ogħla (tal-anqas 180 ECTS/ECVET jew ekwivalenti) li jinkludi modulu/i fil-loġistika u/jew fil-ġestjoni tal-katina tal-provvista jew f'oqsma relatati*. Se tingħata preferenza lil kandidati bi kwalifika rilevanti* fil-Livell 7 tal-MQF. Kwalifiki professjonali komparabbli li huma rikonoxxuti jiġu aċċettati, suġġetti għad-dokumentazzjoni rilevanti mill-MQRIC. Id-dokumentazzjoni mill-MQRIC hija meħtieġa wkoll meta jiġu ppreżentati kwalifiki miksuba barra minn Malta. Fi kwalunkwe każ, iċ-ċertifikat tal-kwalifika għandu jkun akkumpanjat mit-transcript jew diploma supplement li juri l-moduli miksuba fil-programm korrispondenti.

U

2. Esperjenza ta' xogħol rilevanti ta' mill-inqas ħames (5) snin. Evidenza dokumentata tal-esperjenza ta' xogħol hija meħtieġa. Se tingħata preferenza lil kandidati li għandhom esperjenza li tinkludi dmirijiet u responsabbiltajiet relatati mal-kotba u/jew l-industrija tal-istampar.

U

3. Ħila tajba fil-Malti u bl-Ingliż, kemm mitkellma kif ukoll miktuba, sostnuta tal-anqas permezz ta' kwalifika fil-Livell 3 tal-MQF fil-Malti u bl-Ingliż, jiġifieri SEC (Gradi 1-5) jew GCE (Gradi A-C), jew ekwivalenti.

U

4. Kompetenza għolja fl-applikazzjonijiet tal-ICT, inklużi spreadsheets u databases. L-esperjenza fl-użu ta' library management software tkun meqjusa bħala vantaġġ.

Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li għandhom l-esperjenza msemmija fi (2) f'pożizzjoni ta' tmexxija.

*Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jippreżentaw ġustifikazzjoni sostnuta b'evidenza dwar ir-rilevanza tal-

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for Senior Manager, Distribution Centre (full-time), within the National Literacy Agency (definite contract)

Jobsplus Permit Number: 521/2025 (third call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit a full-time Senior Manager, Distribution Centre, on a definite contract of twelve months from the date of employment, renewable for two further periods each of twelve months, subject to satisfactory performance.

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised degree at MQF Level 6 or higher (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET or equivalent) that includes module/s in logistics and/or supply chain management or related areas*. Preference will be given to candidates with a relevant* MQF Level 7 degree. Recognised comparable professional qualifications will be accepted, subject to the relevant MQRIC statement. An MQRIC statement is invariably required when presenting overseas qualifications. In any case, the qualification certificate must be accompanied by the transcript or diploma supplement listing the modules achieved in the corresponding programme.

AND

2. A minimum of five (5) years' relevant work experience. Documented evidence of work experience is required. Preference will be given to candidates with experience which included duties and responsibilities related to books and/or the printing industry.

AND

3. Proficiency in spoken and written Maltese and English, evidenced by means of a minimum of MQF Level 3 in Maltese and English, SEC (Grades 1-5) or GCE (Grades A-C), or equivalent.

AND

4. High competency in ICT applications, including spreadsheets and databases. Experience using library management software would be desirable.

Due consideration will be given to candidates whose prior experience referred to in (2) has been in a management position.

*It is the responsibility of the applicant to submit an evidence-backed justification of the relatedness or relevance

kwalifika mal-għarfien, ħiliet u kompetenzi meħtieġa biex jintlaħqu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet marbutin ma' din il-kariga. Id-deċiżjoni dwar l-aċċettazzjoni jew rifjut ta' din il-ġustifikazzjoni tkun f'idejn il-bord tal-għażla, u d-deċiżjoni tal-bord f'dan il-każ hija waħda finali.

Aktar dettalji dwar ir-rwol u l-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra ta' applikazzjoni flimkien ma' informazzjoni dwar il-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2025, f'nofsinhar.

L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-12 ta' Settembru, 2025

AĠENZIJA NAZZJONALI TAL-LITTERIŻMU

Sejħa għal Promotur tal-Litteriżmu (Riżorsi tal-Litteriżmu bil-Malti), part-time, mal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

Numru tal-Permess tal-Jobsplus: 796/2025 (it-tieni sejħa)

L-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu qiegħda tilqa' applikazzjonijiet għal Promotur tal-Litteriżmu (Riżorsi tal-Litteriżmu bil-Malti), part-time, b'kuntratt indefinit ta' 30 siegħa xogħol fil-ġimgħa.

L-applikanti għandhom jissodisfaw dawn il-kriterji ta' eliġibbiltà sad-data tal-għeluq:

1. Baċellerat rikonoxxut fil-Livell 6 tal-MQF (b'minimu ta' 180 ECTS) li jinkludi tal-anqas 60 ECTS fil-Malti, jew ekwivalenti, jew ogħla; U

2. Kompetenza fl-applikazzjonijiet tal-ICT, speċjalment fil-MS Office u, preferibbilment, dawk tad-disinn u/jew tal-editjar tar-ritratti diġitali.

Il-kwalifiki u l-esperjenza għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikati u/jew testimonjanzi. Kopji ta' dawn għandhom jinthemżu mal-applikazzjoni. Kopji elettroniċi huma aċċettabbli. Iċ-ċertifikati u/jew it-testimonjanzi oriġinali għandhom jiġu ppreżentati għall-verifikazzjoni waqt l-intervista.

of the area to the knowledge, skills and competencies required to fulfil the duties and responsibilities of this role. The remit to accept or reject this justification rests with the selection board and the decision of the selection board on the matter is final.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies), or by sending an email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) by not later than Tuesday, 23rd September, 2025, at noon.

Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

12th September, 2025

NATIONAL LITERACY AGENCY

Call for part-time Resource Leader, Literacy Resources in Maltese, within the National Literacy Agency

Jobsplus Permit Number: 796/2025 (second call)

The National Literacy Agency is seeking to recruit a part-time Resource Leader, Literacy Resources in Maltese, on an indefinite contract (30 hours work per week).

Applicants must fulfil the following eligibility criteria by the closing date:

1. A recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (minimum of 180 ECTS) that includes at least 60 ECTS in Maltese, or equivalent, or higher; AND

2. Competency in ICT applications, especially MS Office, and preferably also including design and/or photo editing tools.

Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should be attached to the application. Scanned copies sent electronically are acceptable. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Deskrizzjoni dettaljata tar-rwol u informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-impjieg jistgħu jinkisbu minn (https://nla.gov.mt/mt/sejhiet), jew permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), jew bin-numru tat-telefown 2598 3325.

Il-kandidati għandhom jibagħtu l-ittra tal-applikazzjoni flimkien mal-kwalifiki u l-esperjenzi fil-format tal-European Curriculum Vitae, kopja taċ-ċertifikati rilevanti tagħhom, ċertifikat tal-kondotta riċenti maħruġ mill-Pulizija u l-lista tax-xogħol li għamlu tul ħajjithom mill-Jobsplus, permezz ta' ittra elettronika lil (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) sa mhux aktar tard mit-Tlieta, 23 ta' Settembru, 2025, f'nofsinhar.

L-applikanti jiġu mgħarrfa li tkun waslet l-applikazzjoni fi żmien tlett ijiem ta' xogħol. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-12 ta' Settembru, 2025

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA U R-RIFORMA TAS-SETTUR TAL-KOSTRUZZJONI

Kariga ta' Prosekutur Ewropew fl-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Il-Gvern qed jistieden applikazzjonijiet għall-kariga ta' Prosekutur Ewropew għar-Repubblika ta' Malta fi ħdan dan l-Uffiċċju minn kandidati li għandhom il-kwalifiki u l-għarfien espert meħtieġa għal din il-kariga.

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew

Il-UPPE huwa servizz ta' prosekuzzjoni Ewropew wieħed u indipendenti li jieħu ħsieb li awturi u kompliċi f'reati kontra l-interessi finanzjarji tal-Unjoni jiġu investigati, imħarrka u jitressqu quddiem il-Qorti. F'dan ir-rigward, il-UPPE għandha tmexxi investigazzjonijiet u twettaq atti ta' prosekuzzjoni fil-qrati nazzjonali kompetenti, sakemm il-każ ikun ġie finalment riżolt. Dan isir f'konformità mal-Artikolu 86 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mar-Regolament UPPE (Regolament (UE) 2017/1939) li daħal fis-seħħ fil-20 ta' Novembru, 2017.

Il-UPPE għandu jkun korp tal-Unjoni indiviżibbli li jopera bħala Uffiċċju wieħed b'fergħat deċentralizzati f'kull Stat Membru parteċipant. Il-livell ċentrali għandu jikkonsisti minn Uffiċċju Ċentrali fis-sede tal-UPPE (fil-Lussemburgu) – liema Uffiċċju Ċentrali għandu jikkonsisti mill-Kulleġġ, l-Awli Permanenti, il-Kap Prosekutur Ewropew, il-Viċi Kapijiet Prosekuturi Ewropej, il-Prosekuturi Ewropej u d-Direttur Amministrattiv. Il-livell deċentralizzat għandu jikkonsisti minn Prosekuturi Delegati Ewropej li jkunu fl-Istati Membri parteċipanti rispettivi.

A detailed job description, including conditions of employment, may be obtained from (https://nla.gov.mt/vacancies), or by sending an email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt), or by telephone number 2598 3325.

Candidates should submit their letter of application, together with a summary of qualifications and experience in a European Curriculum Vitae Format, a copy of their relevant scanned certificates, a valid police conduct certificate and their Jobsplus employment history, by email to (nlarecruitment@ilearn.edu.mt) by not later than Tuesday 23rd September 2025, at noon.

Applications will be acknowledged within three working days. Late applications will not be considered.

12th September, 2025

MINISTRY FOR JUSTICE AND REFORM OF THE CONSTRUCTION SECTOR

Post of European Prosecutor within the European Public Prosecutor's Office

Government is inviting applications for the post of European Prosecutor for the Republic of Malta within this Office from candidates possessing the necessary qualifications and expertise for this post.

The European Public Prosecutor's Office

The European Public Prosecutor's Office is a single independent European prosecution service responsible for investigating, prosecuting and bringing to judgment the perpetrators of and accomplices in offences against the Union's financial interests. In this respect the EPPO shall undertake investigations and carry out acts of prosecution within the national competent courts, until the case has been finally disposed of. This is in line with Article 86 of the Treaty on the Functioning of the European Union and also in line with the EPPO Regulation (Regulation (EU) 2017/1939) which entered into force on 20th November, 2017.

The EPPO shall be an indivisible Union body operating as one single Office with decentralised arms in each participating Member State. The central level shall consist of a Central Office at the seat of the EPPO (in Luxembourg) – which Central Office shall consist of the College, the Permanent Chambers, the European Chief Prosecutor, the Deputy European Chief Prosecutors, the European Prosecutors and the Administrative Director. The decentralised level shall consist of European Delegated Prosecutors who shall be located in the respective participating Member States.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet tal-Prosekutur Ewropew

Skont ir-Regolament UPPE, b'mod partikolari l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) 2017/1939, il-Prosekutur Ewropew:

Għandu jagħmel superviżjoni tal-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet li għalihom ikunu responsabbli l-Prosekuturi Delegati Ewropej li jkunu qed jittrattaw il-każ fl-Istat Membru tal-oriġini tagħhom, f'isem l-Awla Permanenti u f'konformità ma' kwalunkwe struzzjoni li tkun tat;

Għandu jippreżenta sommarji tal-każijiet taħt is-superviżjoni tiegħu u, fejn applikabbli, proposti għal deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu mill-Awla Permanenti kompetenti, abbażi tal-abbozzi ta' deċiżjonijiet imħejjija mill-Prosekuturi Delegati Ewropej;

Jista'/għandu jissostitwixxi Prosekuturi Ewropej oħrajn, f'konformità mar-Regolament UPPE kif ukoll mar-regoli ta' proċedura interni tal-UPPE;

Jista', f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli u mal-istruzzjonijiet mogħtija mill-Awla Permanenti kompetenti, jagħti struzzjonijiet lill-Prosekutur Delegat Ewropew li jittratta l-każ, kull meta jkun neċessarju għat-trattament effiċjenti tal-investigazzjoni jew tal-prosekuzzjoni jew fl-interess tal-ġustizzja, jew biex jiġi żgurat il-funzjonament koerenti tal-UPPE;

Jirrevedi, fejn il-liġi nazzjonali ta' Stat Membru tipprevedi r-reviżjoni interna ta' ċerti atti fi ħdan l-istruttura ta' uffiċċju ta' prosekutur nazzjonali, atti meħuda mill-Prosekutur Delegat Ewropew f'konformità mar-regoli ta' proċedura interni tal-UPPE, mingħajr preġudizzju għas-setgħat ta' superviżjoni u monitoraġġ tal-Awla Permanenti;

Għandu jaġixxi bħala punt ta' kuntatt u mezz ta' komunikazzjoni bejn l-Awli Permanenti u l-Prosekuturi Delegati Ewropej fl-Istati Membri rispettivi tagħhom.

Għandu jissorvelja l-implimentazzjoni tal-kompiti tal-UPPE fl-Istati Membri rispettivi tagħhom, f'konsultazzjoni mill-qrib mal-Prosekuturi Delegati Ewropej;

Għandu jiżgura, f'konformità mar-Regolament (UE) 2017/1939 u r-regoli ta' proċedura interni tal-UPPE, li l-informazzjoni rilevanti kollha mill-Uffiċċju Ċentrali tiġi pprovduta lill-Prosekuturi Delegati Ewropej u viċi versa;

Għandu jwettaq kwalunkwe kompitu ieħor, kif provdut fir-Regolament UPPE.

Duties and Responsibilities of the European Prosecutor

Pursuant to the EPPO Regulation, in particular Article 12 of Regulation (EU) 2017/1939, the European Prosecutor:

Shall supervise the investigations and prosecutions for which the European Delegated Prosecutors handling the case in their Member State of origin are responsible, on behalf of the Permanent Chamber and in compliance with any instructions it has given;

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18 (3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża;

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

U

AND

iii. ikollhom degree ta' Baċellerat rikonoxxuta f'Livell 6 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) fil-Work u Human Resources Management jew Training u Development jew Public Management jew Corporate Governance u Leadership jew Leadership u Organisational Behaviour jew Management u Leadership jew Strategy jew Leadership u Change Management jew Industrial Relations u Workplace Learning jew Human Resources Management jew Public Policy jew Management jew Public Administration jew Law jew Communications jew Project Management jew Quality Management jew Research jew Public Projects jew People Management jew Accountancy jew Marketing jew Psychology, jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

iii. in possession of a recognised Bachelor's degree at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Work and Human Resources Management or Training and Development or Public Management or Corporate Governance and Leadership or Leadership and Organisational Behaviour or Management and Leadership or Strategy or Leadership and Change Management or Industrial Relations and Workplace Learning or Human Resources Management or Public Policy or Management or Public Administration or Law or Communications or Project Management or Quality Management or Research or Public Projects or People Management or Accountancy or Marketing or Psychology, or in relevant areas as determined by management.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċetta biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS/ECVET hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS/ECVET.

*A recognised comparable Bachelor's qualification, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Bachelor's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 180 ECTS/ECVET credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to the minimum of 180ECTS/ECVET credits.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1(iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika fi żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifka ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adattat għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tas-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Settembru, 2025. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mis-Sezzjoni tal-People Management, Direttorat Finanzi u Amministrazzjoni, Uffiċċju tal-Prim Ministru, Berġa ta' Kastilja, Il-Belt Valletta. Dawn id-

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up to date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Friday, 26th September, 2025. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) would not be accepted.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the People Management Section, Finance and Administration Directorate, Office of the Prime Minister, Auberge de

diżpożizzjonijet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.opm.gov.mt) u (human-resources.opm@gov.mt).

It-12 ta' Settembru, 2025

MINISTERU GĦALL-INTERN,
IS-SIGURTÀ U X-XOGĦOL

Dipartiment għas-Sigurtà fl-Avjazzjoni

Wirja Pubblika ta' Ajruplani

Il-Kap tas-Sigurtà fl-Avjazzjoni b'dan jgħarraf illi s-segwenti żoni fl-Ajruport ta' Ħal Luqa se jkunu miftuħin għall-pubbliku għall-wirja pubblika ta' ajruplani li se jieħdu sehem fil-Malta International Airshow 2025.

Il-Binjiet u l-Apron tal-EasyJet Engineering se jkunu miftuħin għall-pubbliku:

L-Erbgħa, 24 ta' Settembru, 2025, bejn is-1.30 p.m. u s-6.30 p.m., ħin lokali, u

Is-Sibt, 27 u l-Ħadd, 28 ta' Settembru, 2025, bejn is-7.30 a.m. u s-1.30 p.m. ħin lokali.

Ħal Safi Aviation Park se jkun miftuħ għall-pubbliku:

Is-Sibt, 27 u l-Ħadd, 28 ta' Settembru, 2025, bejn it-8.00 a.m. u s-7.30 p.m. ħin lokali.

Iż-żoni msemmija fl-ajruport ta' Ħal Luqa se jkunu eżenti mid-dispożizzjonijiet ta' dħul fiż-żoni ristretti skont l-Att dwar Sigurtà fl-Ajruport u fl-Avjazzjoni Ċivili (Kap. 405), fil-ġranet u l-ħinijiet indikati.

It-12 ta' Settembru, 2025

AWTORITÀ TAL-IPPJANAR

Aġġornament tal-Mappa Bażi 2018

L-Awtorità tal-Ippjanar tgħarraf lill-pubbliku li qiegħda twettaq aġġornament tal-mappa bażi. Għaldaqstant se jsir stħarriġ permezz ta' droni f'dawn il-lokalitajiet kif indikat:

Il-Mellieħa u x-Xewkija – mid-19 ta' Settembru sas-17 ta' Ottubru, 2025.

Aktar tagħrif jista' jinkiseb permezz ta' ittra elettronika lil (geomatics@pa.org.mt).

It-12 ta' Settembru, 2025

Castille, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.opm.gov.mt) and (human-resources.opm@gov.mt).

12th September, 2025

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS,
SECURITY AND EMPLOYMENT

Aviation Security Department

Public Display of Aircraft

The Head, Aviation Security, hereby notifies that the following areas at Ħal Luqa Airport will be open to the public for an event in connection with an aircraft display, as part of the activities of the Malta International Airshow 2025.

EasyJet Engineering Premises and Apron will be open to the public on:

Wednesday, 24th September, 2025, between 1.30 p.m. and 6.30 p.m. local time, and

Saturday, 27th and Sunday, 28th September, 2025, between 7.30 a.m. and 1.30 p.m. local time.

Ħal Safi Aviation Park will be open to the public on:

Saturday, 27th and Sunday, 28th September, 2025, between 8.00 a.m. and 7.30 p.m. local time.

The mentioned areas in Ħal Luqa will be exempted from the provisions of access to restricted areas, as cited in the Airports and Civil Aviation (Security) Act (Cap. 405), on the indicated days and times.

12th September, 2025

PLANNING AUTHORITY

Update to the 2018 Basemap

The Planning Authority notifies the general public that it is undertaking an update to the 2018 Basemap. To this extent it will be carrying out surveys by means of drones in the following localities on the respective dates:

Mellieħa and Xewkija – 19th September till 17th October, 2025.

Any queries should be sent by email to (geomatics@pa.org.mt).

12th September, 2025

BORD TAL-KOPERATTIVI

(Att Nru. XXX tal-2001 dwar Soċjetajiet Koperattivi)

Avviż ta' Emenda ta' Regola fl-Istatut

Ordni Nru 20

NGĦARRFU b'dan illi regola numru 1(b) tal-Istatut ta' 'SocialEquation.Coop Ltd' ġiet emendata. Din l-emenda ġiet reġistrata mill-Bord tal-Koperattivi fil-25 ta' Awwissu, 2025, skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37(2) tal-Att Nru XXX tal-2001.

Is-Sur Joseph Abela
Chairman
Bord tal-Koperattivi

Dan l-avviż iħassar dak ippubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 21,502 tat-Tlieta, 9 ta' Settembru, 2025.

Il-25 ta' Awwissu, 2025
CB 34/79/168

CO-OPERATIVES BOARD

(Co-operative Societies Act No. XXX of 2001)

Notice of Amendment of Rule in Statute

Order No. 20

IT is hereby notified that rule number 1 (b) of the Statute of 'SocialEquation.Coop Ltd' has been amended. The Co-operatives Board has duly registered this amendment on the 25th August, 2025, in accordance with article 37(2) of Act No. XXX of 2001.

Mr Joseph Abela
Chairman
Co-operatives Board

This notice supersedes the one published in Government Gazette No. 21,502 of Tuesday, 9th September, 2025.

25th August, 2025

AĠENZIJA TAL-PROGRAMMI TAL-UNJONI EWROPEA (EUPA)

Lista ta' direct orders mogħtija mill-European Union Programmes Agency matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024, ippubblikata skont l-Artiklu 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (S.L. 601.03) u skont ċ-ċirkulari tad-Dipartiment tal-Kuntratti Nru 12/2021.

It-12 ta' Settembru, 2025

EUROPEAN UNION PROGRAMMES AGENCY (EUPA)

List of direct orders awarded by the European Union Programmes Agency during the period between the 1st July, 2024 and 31st December, 2024, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (S.L 601.03) and in accordance with Contracts Circular No. 12/2021.

12th September, 2025

Direct Orders

Nru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference No.*	Isem *Name*	Data tal-Għotja *Award Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
RP 072/2024	Call for quotations for a venue including catering and accommodation facilities with seasonal food and minimum waste generation for On-arrival Training III (2024) in September 2024 for a maximum of fifteen (15) participants. Project number: 2024-1-MT01-ESC41-000003	20/09/2024	Urban Valley	€7,359.01 excl. VAT
RP 117/2024	Provision of vehicle for National Coordinator at EUPA.	30/09/2024	Continental Cars	€43,220.34 excl. VAT
RP 125/2024	Provision of venue including catering for November 19th EUPA Grant Ceremony	30/10/2024	Double Tree by Hilton Malta	€8,016.95 excl. VAT
N/A	Provision of trainer/facilitator	July - December 2024	Joseph Teuma	€5,470.74 excl. VAT

DIPARTIMENT TAD-DWANA

Kuntratti mogħtija mid-Dipartiment tad-Dwana bejn €5,000 u €10,000, ippubblikati skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations (A.L. 352/2016).

It-12 ta' Settembru, 2025

Ref. Nru *Ref. No.*	Suġġett *Subject*	Data tal-għotja *Awarded Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Contract Value Excl. VAT*
Contract dated 21st April 2025	Contract for services for 12 months	21st April 2025	Mr Gordon Micallef	€75.77/hour

CUSTOMS DEPARTMENT

Contracts awarded by the Customs Department between €5,000 and €10,000 in terms of Regulation 111(2) of the Public Procurement Regulations (L.N. 352/2016).

12th September, 2025

DIRETTORAT GĦAD-DRITTIJIET TAL-BNIEDEM

Lista ta' direct orders mogħtija mid-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem matul il-perjodu bejn l-1 ta' Lulju, 2024 u l-31 ta' Diċembru, 2024, ippubblikata skont l-Artiklu 111 (2) tar-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbliku (S.L. 601.03) u skont ċ-ċirkulari tad-Dipartiment tal-Kuntratti Nru 12/2021.

It-12 ta' Settembru. 2025

Numru ta' Referenza *Reference Number*	Isem *Name*	Data tal-għotja *Award Date*	Isem tal-Kuntrattur *Name of Contractor*	Valur tal-Kuntratt Eskluża l-VAT *Contract value Excluding VAT*
OPM – EES/40/2024	Legal Services	29/07/2024	Dr Elaine Degiorgio Vella	€9,900
OPM – EES/65/2024	Pilot Project – Delivery and maintenance of machines throughout schools	17/09/2024	VJ Salomone Consumer Lines Limited	€10,000
OPM-EES/65/2024	Pilot Project – Delivery and maintenance of machines throughout schools	26/09/2024	VJ Salomone Marketing Limited	€10,000
OPM-EES/83/2024	Dar Qawsalla Project	25/09/2024	The Malta Lesbian, Gay, Bisexual. Transgender, Intersex, Queer Rights Movement (MGRM)	€10,000
OPM-EES/78/2024	Developing a three-year LGBTIQ+ Strategy and Action Plan for Gozo	11/10/2024	LGBTI + Gozo	€30,000
HRD/30/2024	Design, incuding original illustrations, artwork, setting and preparation of production output files for the menstruation campaign	28/10/2024	Ikona Artworks	€9,800

HUMAN RIGHTS DIRECTORATE

List of direct orders awarded by the Human Rights Directorate during the period between the 1st July, 2024 and 31st December, 2024, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations 2016 (S.L 601.03) and in accordance with Contracts Circular No. 12/2021.

12th September, 2025

FINANCE MALTA

Lista ta' direct orders mogħtija minn Finance Malta mill-1 ta' Jannar, 2025 sat-30 ta' Ġunju, 2025.

It-12 ta' Settembru, 2025

Nru ta' Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference No.*	Isem tad-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/Subject of Direct Order*	Data Approvata *Approval Date*	Isem il-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt eskluża l-VAT *Amount excl. VAT*	Numru ta' Snin *Number of Years*
SERV/1/25-103	Member's Meeting Event – Venue	16.12.2024	Xara	13,474.58	one-off
SERV/3/25-401	18th Annual Coference Venue – 19.11/20.11	31.12.2024	Spinola Developments	30,150.00	1st deposit
SERV/8/25-208	EFAMA Event – Gala Dinner Catering	31.01.2025	Xara –Saluting Battery	13,127.00	one-off
SERV/11/25-208	EFAMA Event – Venue	17.02.2025	AX Hotels – The Palace	6,436.02	one-off
SERV/12/25-208	EFAMA Event – AV (The Palace)	24.03.2025	Powerhouse	5,290.00	one-off

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi qed jidħol f'kuntratt ta' servizz ma' Latona Development JSC għall-provvediment ta' servizzi ta' konsulenza għal Project Management, Quality Assurance support u servizzi ta' DWH għal perjodu ta' 9 xhur għall-prezz ta' €105,300.00 eskluża l-VAT.

It-12 ta' Settembru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex ipoġġi direct order ma' iStage għall-provvediment ta' servizzi ta' scaffolding fil-Malta Customs' Newport Bonded Stores għal perjodu massimu ta' 12-il xahar imħallsa b'rata ta' €100.00 eskluża l-VAT għall-prezz massimu ta' €36,500.00 eskluża l-VAT.

It-12 ta' Settembru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni

FINANCE MALTA

List of direct Orders issued by Finance Malta from 1st January, 2025 till 30th June, 2025.

12th September, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to enter into a contract for service with Latona Development JSC for the provision of consultancy services on Project Management, Quality Assurance support and DWH services over a period of 9 months for the cost of €105,300.00 excl. VAT.

12th September, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to place a direct order with iStage for the provision of protected scaffolding services within Malta Customs' Newport Bonded Stores for a maximum period of 12 months paid at the rate of €100.00 excl. VAT per day for the maximum cost of €36,500.00 excluding VAT.

12th September, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting

lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex ipoġġi direct order ma' iStage għal provvediment ta' servizzi ta' scaffolding fil-post tal-Malta Customs fil-Belt Valletta fuq perjodu ta' 12-il xahar imħallsa b'rata ta' €65 eskluża l-VAT kull ġurnata għall-prezz ta' €23,725.00 eskluża l-VAT.

It-12 ta' Settembru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex ipoġġi direct order mal-KPMG għall-provvista ta' assistenza ta' espert lil MTCA fil-preparamenti ta' services contract/tender konnessi mal-implimentazzjoni ta' Phase 1 u Phase 2 għal soluzzjonijiet tal-MTCA previsti biex ikunu żviluppati bl-għan li jappoġġjaw negozji żgħar b'implimentazzjoni ta' e-invoicing/ħruġ ta' riċevuti prevvisti u DRR fuq is-snin li ġejjin għall-prezz ta' €84,550.00 eskluża l-VAT.

It-12 ta' Settembru, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTERU GĦALL-FINANZI

Skont ir-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubbliċi (S.L. 601.03), l-Uffiċċju tad-Direct Orders qed jagħti approvazzjoni lill-Malta Tax and Customs Administration fi ħdan il-Ministeru għall-Finanzi biex jidħol f'kuntratt ta' servizz ma' RSM Malta għall-provvista ta' assistenza fiż-żoni ta' Project Management u Change Management għal perjodu ta' 6 xhur imħallsa għal prezz ta' €75 eskluża l-VAT kull siegħa għall-prezz ta' €136,500.00 eskluża l-VAT.

It-12 ta' Settembru, 2025

KUNSILL LOKALI L-MELLIEĦA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Mellieħa jgħarraf illi nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru, 2025, mill-5.00 a.m. sa nofsillejl, Misraħ il-Parroċċa se jiġi klassifikat bħala żona ta' rmonk u għalhekk il-parkeġġ ta' vetturi se jkun projbit. Il-vetturi tas-sewqan mhux se jkunu jistgħu jgħaddu jew jiddawru miż-żona msemmija hawn fuq fid-data u l-ħinijiet indikati.

It-12 ta' Settembru, 2025

approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to place a direct order with iStage for the provision of protected scaffolding services at the premises of Malta Customs in Valletta over a period of 12 months paid at the rate of €65 excl. VAT per day to a maximum cost of €23,725.00 excluding VAT.

12th September, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to place a direct order with KPMG for the provision of expert assistance to MTCA in the preparation of a services contract/tender connected with the implementation of Phase 1 and Phase 2 of the foreseen MTCA solutions to be developed with a view to supporting small businesses with the foreseen implementation of e-invoicing/receipting and DRR over the coming years for the cost of €84,550.00 excluding VAT.

12th September, 2025

MALTA TAX AND CUSTOMS ADMINISTRATION
MINISTRY FOR FINANCE

In terms and for the purposes of the Public Procurement Regulations (S.L. 601.03), the Direct Orders Office is granting approval to the Malta Tax and Customs Administration within the Ministry for Finance to enter into a contract for service with RSM Malta for the provision of assistance in the areas of Project Management and Change Management for a period of 6 months paid at the rate of €75 excl. VAT per hour for the cost of €136,500.00 excluding VAT.

12th September, 2025

MELLIEĦA LOCAL COUNCIL

Suspension of Traffic and Parking

The Mellieħa Local Council notifies that on Friday, 19th September, 2025, from 5.00 a.m. to midnight, Misraħ il-Parroċċa will be classified as tow zone and therefore parking of vehicles will be prohibited. The transit of vehicles through the area mentioned above will either be suspended or diverted on the date and times indicated.

12th September, 2025

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 18 ta' Settembru, 2025.

Avviż Nru 29. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit fi Triq il-Wardija fil-limiti ta' San Pawl il-Baħar, kif muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2025_0605. Din il-proprjetà tista' tkun suġġetta għal servitujiet eżistenti. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmienja u tletin ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€38.29) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 30. Bejgħ tale quale tal-Fond f'Nru 6, Sqaq Sant'Elija, Tas-Sliema, kif muri bl-aħmar u mmarkat bl-ittra 'A' u bl-ittra 'B' fuq il-pjanta P.D.2023_0089_A. Is-sit immarkat bl-aħmar u bl-ittra 'A' jikkonsisti mill-livell żero (0) u l-livelli sotterranji biss u s-sit immarkat bl-aħmar u bl-ittra 'B' jikkonsisti fil-livelli kollha. Din il-proprjetà tinsab fi stat dilapidat u bi bżonn immedjat ta' manutenzjoni. Min jirbaħ l-offerta għandu jagħmel tajjeb għall-ispejjeż kollha relatati mat-tiswijiet meħtieġa fuq din il-proprjetà. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €10,572 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' mija u sebgħa u ħamsin elf u mitejn ewro (€157,200) ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru 31. Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsin (50) sena tal-fond kummerċjali tale quale f'Ħanut Nru 9B, Triq Żakkarija, Il-Belt Valletta, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2013_86. Dan il-fond jikkonsisti f'livell żero (0) bl-area ta' tnax-il metru kwadru (12m²) u livell Nru 1, bl-area ta' tlieta u sittin metru kwadru (63m²). L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €40,800 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlettax-il elf u sitt mitt ewro (€13,600) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00am on Thursday, 18th September, 2025.

Advt No. 29. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at Triq il-Wardija in the limits of Saint Paul's Bay, as shown edged in red on plan P.D.2025_0605. This property may be subject to any existing servitudes. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirty-eight euro and twenty-nine cents (€38.29) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 30. Sale tale quale of the premises at No. 6, Sqaq Sant'Elija, Tas-Sliema, as shown edged in red and marked letter 'A' and letter 'B' on the plan P.D.2023_0089_A. The site marked in red with letter 'A' consists of level zero (0) and the subterranean only, and the site marked in red with letter 'B' consists of all levels. This property is in a dilapidated state and in need of immediate maintenance. All expenses required to restore this property are to be borne by the winning bidder. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €10,572 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one hundred and fifty-seven thousand and two hundred euro (€157,200) will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Advt No. 31. Grant on a temporary emphyteusis for a period of fifty (50) years of the commercial premises tale quale at Shop 9B, Triq Żakkarija, Valletta, as shown edged in red on the plan P.D.2013_86. This premises consists of level zero (0) with an area of twelve square metres (12m²) and level one (1) with an area of sixty-three square metres (63m²)Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €40,800 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of thirteen thousand and six hundred euro (€13,600) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right

suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-kaxxa tal-offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 2 ta' Ottubru, 2025.

*Avviż Nru 32. Għotja b'ċens perpetwu revedibbli ta' fond tale quale f'Nru 163, Triq ix-Xatt (The Strand), Il-Gżira kif muri bid-dettall fuq il-pjanta L.D.291/66. Din il-proprjetà qed tiġi offruta fl-istat li tinsab fih inklużi d-difetti li jista' jkun hemm moħbija. Min jirbaħ l-offerta għandu ċans sabiex jifdi dan iċ-ċens matul l-ewwel ħmistax-il (15) sena wara reviżjoni skont kif hemm spjegat bid-dettall fuq il-kundizzjonijiet taċ-ċens. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tmienja u sittin elf u mija u ħamsin ewro (€68,150) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviż Nru 33. Kiri, tale quale minn sena għal sena, għal skop ta' agrikultura, ta' sit f'Ta' Bringiela fil-limiti tal-Qrendi, Il-Qrendi, muri bl-aħmar fuq pjanta P.D.2024_0442. Din il-proprjetà tista' tkun suġġetta għal servitujiet eżistenti. L-offerenti għandhom ikunu persuni li huma rreġistrati bħala bdiewa full-time jew part-time, skont ċertifikat maħruġ mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li għandu jiġi sottomess mad-dokument tal-offerta jew studenti li temmew b'suċċess kors akkademiku fi studji agrikoli fil-ħames snin preċedenti mid-dħul fis-seħħ tal-Avviż Legali Nru 573.06 li għandhom jissottomettu kopja taċ-ċertifikat rilevanti mal-offerta tagħhom. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'bid-bond għall-ammont ta' €1,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' wieħed u sittin ewro u disgħa u tmenin ċenteżmu (€61.89) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun suġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru 32 tal-Kapitolu Nru 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

*Avviżi li qegħdin jidhru għall-ewwel darba

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn L-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50)

known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the tender box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta, by 10.00 a.m. on Thursday, 2nd October, 2025.

*Advt No. 32. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the premises tale quale at No. 163 The Strand (Triq ix-Xatt), Gżira, as shown in detail on the plan L.D.291/66. This property is being offered in its present state including any latent defects. The winning bidder has the chance to redeem this emphyteusis within the first fifteen (15) years after a revision as explained in detail in the emphyteutical conditions. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixty-eight thousand and one hundred and fifty euro (€68,150) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advt No. 33. Lease tale quale, on a year to year basis, for agricultural purposes, of a site at 'Ta' Bringiela' limits of Qrendi, as shown edged in red on plan P.D.2024_0442. This property may be subject to any existing servitudes. The bidders must be either full-time or part-time farmers, who have to submit a certificate, issued by the Department of Agriculture with the tender document or students who have completed successfully an academic course relating to agriculture within the previous five years prior to the introduction of the Legal Notice No. 573.06 who have to submit a copy of the relevant certificate also with the tender documents. Tenders are to be accompanied by a bid-bond for an amount of €1,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of sixty-one euro and eighty-nine cents (€61.89) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

*Advertisements appearing for the first time

These advertisements are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid

għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet bil-card bankarja tal-preferenza tiegħek.

It-12 ta' Settembru, 2025

MINISTERU TAL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI

Espressjoni ta' Interess (EOI)

Provvista u l-manutenzjoni ta' vending machines f'diversi Skejjel Medji u Sekondarji tal-Gvern f'Malta u Għawdex

Il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni (MEYR) qed jilqa' espressjonijiet ta' interess minn operaturi ekonomiċi għall-provvista u l-manutenzjoni ta' vending machines f'diversi skejjel medji u sekondarji tal-Gvern f'Malta u Għawdex.

L-iskop tas-servizzi meħtieġa jinkludi:

Il-provvista u l-installazzjoni ta' vending machines, fi tmien (8) skejjel madwar Malta u Għawdex;

L-istokkjar u riforniment regolari tal-prodotti, b'enfasi fuq għażliet ta' snacks u xorb tajbin għas-saħħa;

Manutenzjoni preventiva u servizzi ta' tiswija f'waqthom biex tiġi żgurata funzjonalità kontinwa;

Tindif regolari u kontrolli tal-indafa tal-vending machines;

Konformità sħiħa mar-regolamenti nazzjonali tas-saħħa u s-sigurtà, kif ukoll mal-linji gwida maħruġa mid-Direttorat tas-Saħħa Ambjentali u l-Awtoritajiet Edukattivi;

Konformità mal-miżuri tal-Ikel Bnin fl-Iskejjel u kwalunkwe aġġornamenti jew emendi sussegwenti għal dawn il-miżuri.

L-operaturi ekonomiċi li huma interessati għandhom jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fid-dokument tat-Terms of Reference (ToR), li se jiġi pprovdut fuq talba permezz tal-indirizz elettroniku indikat hawn taħt.

Operaturi huma mistidnin biex jissottomettu l-espressjoni tal-interess tagħhom sa mhux aktar tard minn:

Nhar il-Ġimgħa, 19 ta' Settembru, 2025, f'nofsinhar CEST

Sottmissjoni permezz ta' ittra elettronika lil (dg.des.educ@gov.mt),

Suġġett tal-ittra elettronika Vending Machines – EOI

It-12 ta' Settembru, 2025

through the online system of the Lands Authority website by using your preferred banking card.

12th September, 2025

MINISTRY FOR EDUCATION, SPORT, YOUTH, RESEARCH AND INNOVATION

Expression of Interest (EOI)

Provision, supply and maintenance of vending machines in State Middle and Secondary Schools across Malta and Gozo

The Ministry for Education, Sport, Youth, Research and Innovation (MEYR) is seeking expressions of interest from economic operators for the supply, installation, stocking, and maintenance of vending machines in State middle and secondary schools across Malta and Gozo.

The scope of the services required includes:

the provision and installation of vending machines, at eight (8) school premises across Malta and Gozo;

Regular stocking and replenishment of products, with a focus on healthy snack and beverage options;

Preventive maintenance and prompt repair services to ensure continuous functionality;

Regular cleaning and hygiene checks of vending machines;

Full compliance with national health and safety regulations, as well as guidelines issued by the Environmental Health Directorate and Education Authorities;

Adherence to the Healthy Eating Policy in Schools and any subsequent updates or amendments to this policy.

Interested economic operators must meet the criteria outlined in the Terms of Reference (ToR) document, which will be provided upon request via the email address indicated below.

Operators are invited to submit their Expression of Interest by not later than:

On Friday, 19th September, 2025, at noon CEST

Submission via email to (dg.des.educ@gov.mt),

Subject of email: Vending Machines – EOI

12th September, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tnejn, 15 ta' Settembru, 2025.

ERU0909U25 – Medicinal
ERU0909U25A – Medicinal
ERU0909U25B – Devices
ERU0909U25C – Medicinal

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-12 ta' Settembru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Monday, 15th September, 2025.

ERU0909U25 – Medicinal
ERU0909U25A – Medicinal
ERU0909U25B – Devices
ERU0909U25C – Medicinal

Emergency Response Unit (ERU) Competitive Calls can be downloaded from the CPSU website.

Submissions for this call for competition are to be submitted as per instructions given in the dossier.

12th September, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

Is-CEO (Sourcing and Supply Chain Management) għas-Central Procurement and Supplies Unit, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, jgħarraf illi s-sottomissjonijiet tal-ERU Competitive Calls imniżżla hawn taħt għandhom jintlaqgħu sal-10.00 a.m. tat-Tlieta, 16 ta' Settembru, 2025.

ERU1009U25 – Devices
ERU1009U25A – Medicinal
ERU1009U25B – Medicinal
ERU1009U25C – Medicinal
ERU1009U25D – Medicinal
ERU1009U25E – Devices
ERU1009U25F – Devices

Sejħiet kompetittivi tal-Emergency Response Unit (ERU) jistgħu jitniżżlu mis-sit elettroniku tas-CPSU.

Sottomissjonijiet għal din is-sejħa għal kompetizzjoni għandhom jiġu sottomessi skont l-istruzzjonijiet mogħtija fid-dossier.

It-12 ta' Settembru, 2025

CENTRAL PROCUREMENT AND SUPPLIES UNIT

The CEO (Sourcing and Supply Chain Management) for the Central Procurement and Supplies Unit within the Ministry for Health and Active Ageing, notifies that submissions for the below listed ERU Competitive Calls will be received up to 10.00 a.m. on Tuesday, 16th September, 2025.

ERU1009U25 – Devices
ERU1009U25A – Medicinal
ERU1009U25B – Medicinal
7. Tikkonferma n-nomina ta' Dott. Marita Pace Dimech bħala avukat tat-tfal fil-proċeduri odjerni;

8. Tordna ai termini tal-Artikolu 20(6) tal-Kap. 602 tal-Liġijiet ta' Malta, illi s-smigħ tar-rikors odjern jinstema' quddiem din il-Qorti nhar it-23 ta' Mejju, 2025, fid-9.00 a.m. u differita għas-17 ta' Ottubru, 2025, fl-10.00 a.m. u dan sabiex tara wkoll jekk għandhiex tilqa' t-talba għall-ħruġ ta' ordni għall-ħarsien li qed jintalab mid-Direttorat favur il-minuri kkonċernat;

Inoltre u skont id-dettami tal-Artikolu 20(7) tal-Kap. 602 din il-Qorti tordna minn issa stess illi d-Direttur għall-Ħarsien tat-Tfal jagħmel dawk l-investigazzjonijiet neċessarji sabiex tiġi stabbilita, liema azzjoni għandha tittieħed biex jiġi salvagwardjat il-benessere tal-minuri kkonċernat.

… omissis …

In all other circumstances the Court should be informed of any intention to move residence or considerable changes in the life of the minor and that such intention be communicated also to the children's advocate who is being appointed in this cause and namely Dr Marita Pace Dimech. The Court is making it clear that no transit should take place without the prior authorisation of the Court;

5. Uphold limitedly the fifth demand and consequently and in terms of Article 18 (3), order that any access and contact of the minor with the parents be supervised and regulated by the Directorate alternative care (children and youths) provided that the same Directorate is being given the faculty that after examining the benefit to the minor from such access and after consulting with the children's advocate, authorise such contact. The same Directorate is also being authorised to determine, even pendente lite, the contact methodology and administer it is supervision or monitoring. The Directorate is also being given the faculty that after consultation with the children's advocate takes decisions to reduce, extend or increase access in the best interests of the minor however in case it intends to suspend or terminate such access, then in that case the Court orders that it should be immediately informed of such intention by means of a note in the records of the cause so that subsequently this Court will see whether it should authorise and/or confirm such intention or meno;

6. Uphold the sixth demand and in terms of Article 18 (3) of Cap. 602 of the Laws of Malta authorises social workers within the Child Protection Directorate and/or the Alternative care Directorate (Children and Youths) applies and undertakes all necessary work with the respective departments including that of the Ministry of Foreign Affairs if applicable for the application and/or renewal of the minor's passport without parental authorisation and/or signature;

7. Confirm the nomination of Dr Marita Pace Dimech as children's advocate in the present proceedings;

8. Order in terms of Article 20 (6) of Cap. 602 of the Laws of Malta, that the hearing of the present application be heard before this Court on the 23rd May, 2025, at 9.00 a.m. and deferred to the 17th October, 2025, at 10.00 a.m. and this in order to see whether it should uphold the request for the issuing of a care order which is being requested by the Directorate in favour of the minor concerned;

In addition and according to the dictates of Article 20 (7) of Cap. 602 this Court orders from now on that the Director for Child Protection carry out the necessary investigations in order to establish what action is to be taken to safeguard the well-being of the minor concerned.

… omissis …

Tordna n-notifika ta' dan id-digriet lill-intimata Maria Concette Hill fost oħrajn.

Illum 22 ta' Mejju, 2025

Reġistru tal-Qrati tal-Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Orders the notification of this decree to the respondent Maria Concette Hill amongst others.

Today 22nd May, 2025

Registry of the Court of Magistrates (Malta), today 4th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2302

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-16 ta' Mejju, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Stefano Zerafa.

GasanMamo Insurance Limited (C3143) ta' Triq l-Imsida, Il-Gżira, ippreżentaw Talba, fid-29 ta' April, 2025, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Stefano Zerafa (KI 500189M) ta' 43, Madras, Triq il-Qawsalla, L-Imsida, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €2,722.07, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali.

Il-kawża (Avviż numru 109/2025GT) hija differita għat-28 ta' Ottubru, 2025, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 4 ta' Settembru, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 16th May, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Stefano Zerafa.

GasanMamo Insurance Limited (C3143) of Triq l-Imsida, Gżira, filed a Claim on the 29th April, 2025, whereby they asked the Tribunal to condemn Stefano Zerafa (ID 500189M) of 43, Madras, Triq il-Qawsalla, Msida, to pay the plaintiff company the sum of €2,722.07, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests.

The case (Claim number 109/2025GT) is deferred on the 28th October, 2025, at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 4th September, 2025

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

2303

DKR 1/2025 – INTERDIZZJONI ĠENERALI

IKUN JAF KULĦADD illi b'sentenza mogħtija fis-7 ta' Awwissu, 2025, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Ann Marie Thake, LLD), fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Mark Anthony Mercieca)

Kontra

CHARITON PAPADAS, ta' 33 sena, iben Michail u Penelope, imwieled il-Greċja fit-8 ta' Awwissu, 1991, u detentur ta' dokument Grieg bin-numru AO 020523.

Il-Qorti ORDNAT l-interdizzjoni ġenerali, kif ukoll l-interdizzjoni milli jservi bħala xhud, ħlief quddiem il-

DKR 1/2025 – GENERAL INTERDICTION

IT IS BEING NOTIFIED that by judgement dated 7th August, 2025, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature - (Magistrate Dr Ann Marie Thake LL.D), in the case in the names:

The Police
(Inspector Mark Anthony Mercieca)

Vs

CHARITON PAPADAS, 33 years, son of Michail and Penelope, born in Greece on the 8th of August, 1991, and holder of a Greek Document bearing number AO 020523.

The Court ORDERED the general interdiction, also the interdiction to serve as a witness, except before the Courts

Qrati tal-Ġustizzja u bħala referee, f'kull każ li jkun u dan għall-perjodu ta' għaxar (10) snin mid-data tas-sentenza fil-konfront tal-imsemmi Chariton Papadas u dan ai termini tal-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Din il-pubblikazzjoni qed issir skont l-artikolu 10(7) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illum l-1 ta' Settembru, 2025

Reġistru tal-Qrati ta' Ġuriżdizzjoni Kriminali (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputat Reġistratur, Qrati u Tribunali Kriminali

of Justice, and as a referee, in any case and this for a period of ten (10) years starting from judgement date of the said Chariton Papadas and this according to section 109 of Cap. 9 of the Laws of Malta.

This is being published according to section 10(7) of Cap. 9 of the Laws of Malta.

Today the 1st of September, 2025

Registry of the Courts of Criminal Judicature (Malta)

MARVIC PSAILA
Deputy Registrar, Criminal Courts and Criminal Tribunals

2304

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fid-9 ta' Settembru, 2025, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fid-9 ta' Settembru, 2025, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lis-sidien mhux magħrufa ta' ċens annwu u perpetwu fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens li ġġib in-numru 315/2025 fl-ismijiet 'Alexia Debrincat et vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa ta' ċens annwu u perpetwu imsemmi fl-istess ċedola', ippreżentata fl-5 ta' Settembru, 2025, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-atti l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola u l-provenjenza tiegħu huma kif deskritt hawn taħt:

Illi bis-saħħa ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo tat-tlettax (13) ta' April elfejn u tnejn u għoxrin (2022), il-konjuġi Debrincat akkwistaw mingħand terzi persuni tmienja minn disa' (8/9) partijiet indiviż minn lok ta' djar bi ġnien żgħir anness miegħu, fin-numri għaxra u ħdax (10 u 11), qabel sitta u sebgħa (6 u 7) u iktar qabel tlieta (3), Triq Santa Marija, Ix-Xewkija, tal-kejl superfiċjali komplessiv ta' madwar mitejn u tmenin metru kwadru (280m.k.) u porzjon art oħra attigwa għal din l-istess dar u konnessa magħha tal-kejl superfiċjali ta' madwar elf ħames mija u għoxrin metru kwadru (1,520m.k.) u konfinanti mill-Punent in parti mal-

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Magistrates' Court (Gozo)

It is hereby notified that by a decree given on the 9th September, 2025, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below and this in terms of article 931 (3) of the Code of Organization and Civil Procedure.

By a decree given on the 9th September, 2025, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown owners of the annual and perpetual ground rent in the acts of the schedule of deposit and contextual redemption of ground rent bearing number 315/2025 in names 'Alexia Debrincat et vs Deputy Curators to represent the unknown owners of an annual and perpetual ground rent mentioned in the same schedule of deposit', filed on the 5th of September, 2025, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable property subject of this schedule of deposit and its provenance are as described below:

Whereas by virtue of a deed in the records of Notary Enzo Refalo dated the thirteenth (13th) of April two thousand and twenty-two (2022), the spouses Debrincat acquired from third parties eight out of nine (8/9) undivided parts of a house site with a small garden annexed thereto, at numbers ten and eleven (10 and 11), previously six and seven (6 and 7) and yet previously number three (3), in Triq Santa Marija, Xewkija, having a total surface area of approximately two hundred and eighty square metres (280m²) and another portion of land adjacent to this same house and attached to it of a surface area of approximately one thousand five hundred

imsemmija dar, u rjieħ oħra ma' terzi mhux magħrufa, kif aħjar murija fuq il-pjanta annessa maċ-ċedola u immarkata Dokument A;

Illi skont il-kuntratt fuq imsemmi dawn l-immobbli huma flimkien suġġetti għal ċens ta' tlettax-il xelin u erba' soldi llum ekwivalenti għal ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1.54c) dovut lill-persuni mhux magħrufa;

Illi l-kuntratt fuq imsemmi kien ġie kkorreġut bi tliet (3) kuntratti oħra lkoll fl-atti tan-Nutar Enzo Refalo rispettivament tas-sbatax (17) ta' Ottubru, tal-ħdax (11) u d-dsatax (19) ta' Novembru tal-istess sena li permezz tagħhom ġie ċċarat li l-istess konjuġi Debrincat kienu qed jakkwistaw ukoll tmienja minn disgħa (8/9) partijiet indiviżi minn porzjon art oħra immedjatament attigwa u konnessa mal-art hawn fuq deskritta, tal-kejl ta' madwar tmien mija u tmenin metru kwadru (880m.k.) konfinanti mill-Punent mal-art hawn fuq deskritta, min-Nofsinhar in parti mal-istess art hawn fuq deskritta, u in parti ma' beni tal-familja Farrugia, u mit-Tramuntana ma' beni ta' terzi mhux magħrufa murija fuq il-pjanta annessa maċ-ċedola u immarkata Dokument B – liema art effettivament tifforma parti mill-artijiet suġġetti għaċ-ċens hawn fuq imsemmi kif jirriżulta aħjar mill-kuntratti tal-akkwist tal-antenati tal-vendituri, ċoè wieħed fl-atti tan-Nutar Giovanni Xuereb tat-dsatax (19) ta' Frar elf disa' mija u disgħa (1909), u tnejn (2) fl-atti tan-Nutar Francesco Refalo tat-tnax (12) ta' Diċembru elf disa' mija u erbatax (1914) u tas-sebgħa (7) ta' April elf disa' mija u dsatax (1919);

Illi l-esponenti Lawrence Spiteri, Mary Spiteri u Jane Xerri huma proprjetarji ta' kwarta parti ta' nona parti indiviża (1/4 ta' 1/9) kull wieħed u waħda minnhom mill-istess proprjetà, mentri r-rimanenti kwota tispetta lin- neputijiet tagħhom, ulied ħuhom Alfred Spiteri u ċoè l-aħwa Johnnie, James Charles u Joemar, ulied ukoll ta' Pauline née Cassar, karta tal-identità' 84044G, imwildin rispettivament ix-Xewkija, Għawdex, fid-19 ta' Settembru, 1976, fl-Amerika fit-3 ta' Jannar, 1972, fl-Amerika fit-8 ta' Jannar, 1985, u residenti Għajnsielem, Għawdex, ix-Xewkija, Għawdex, u x-Xewkija, Għawdex, rispettivament, karti tal-identità numru 25276G, 214388M u 186G rispettivament, possibbilment flimkien ma' ommhom Pauline armla ta' Alfred Spiteri, karta tal-identità numru 84044G li però ma wrewx volontà li jipparteċipaw f'din iċ-ċedola u għaldaqstant din iċ-ċedola qiegħda tiġi ppreżentata għall-intier ta' din il-proprjetà a spejjeż esklussivament tal-esponenti;

Illi l-esponenti jridu jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom mill-Artikolu 1501 et sequitur tal-Kodiċi Ċivili, u jifdu dan iċ-ċens skont il-liġi, liema somma ta' €1.54c kapitalizzata bil-ħamsa fil-mija (5%) tammonta għal tletin ewro u tmenin ċenteżmu (€30.80c);

and twenty square metres (1,520m²) and bounded from the west in part with the said house, and other boundaries with unknown third parties, as better shown on the plan annexed to the schedule of deposit and marked Document A;

That according to the above-mentioned contract these immovables are together subject to a ground rent of thirteen shillings and four pence, today equivalent to one euro and fifty-four cents (€1.54c) payable to unknown persons;

That the above deed had been corrected by three (3) other deeds all in the records of Notary Enzo Refalo dated respectively the seventeenth (17th) of October, the eleventh (11th) and the nineteenth (19th) of November of the same year by virtue of which it was clarified that the said spouses Debrincat were also acquiring eight out of nine (8/9) undivided parts of another portion of land immediately adjacent and connected to the above-described land, measuring approximately eight hundred and eighty square metres (880m²) bounded on the west by the above-described land, on the south in part by the same land described above, and in part by the Farrugia family property, and to the north by the property of unknown third parties shown on the plan annexed to the schedule of deposit and marked Document B – which land effectively forms part of the lands subject to the above-mentioned leasehold as best results from the contracts of acquisition of the ancestors of the vendors, namely one in the records of Notary Giovanni Xuereb of the nineteenth (19th) of February one thousand nine hundred and nine (1909), and two (2) in the records of Notary Francesco Refalo of the twelfth (twelfth (12th) of December one thousand nine hundred and fourteen (1914) and of the seventh (7th) of April one thousand nine hundred and nineteen (1919);

Whereas the applicants Lawrence Spiteri, Mary Spiteri and Jane Xerri are owners of a quarter part of an undivided ninth part (1/4 of 1/9) each of them of the same property, while the remaining share belongs to their grandchildren, the children of their brother Alfred Spiteri and namely the siblings Johnnie, James Charles and Joemar, also sons of Pauline née Cassar, identity card 84044G, born respectively in Xewkija, Gozo, on the 19th September, 1976, in America on the 3rd January, 1972, in America on the 8th January, 1985, and residing in Għajnsielem, Gozo, Xewkija, Gozo, and Xewkija, Gozo, respectively, identity cards numbers 25276G, 214388M and 186G respectively, possibly together with their mother Pauline widow of Alfred Spiteri, identity card number 84044G, who, however, did not show willingness to participate in this schedule of deposit, and therefore this schedule of deposit is being presented for the entirety of this property at the exclusive expense of the applicants;

Whereas the applicants wish to avail themselves of the faculty accorded to them by Article 1501 et sequitur of the Civil Code, and redeem this ground rent in accordance with the law, which sum of €1.54c capitalized at five percent (5%) amounts to thirty euro and eighty cents (€30.80c);

Illi l-esponenti jridu wkoll li jħallsu l-arretrati fuq dan iċ-ċens għal tul dawn l-aħħar tletin (30) sena, ammontanti għal sitta u erbgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€46.20c);

Illi, madankollu, l-esponenti ma jafux min huma l-proprjetarji ta' dan id-dirett dominju.

Għaldaqstant, l-esponenti sabiex jeżimu ruħhom minn kull responsabbiltà qegħdin jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha jiddepożitaw:

a. is-somma ta' tletin ewro u tmenin ċenteżmu (€30.80) fidi ta' ċens fuq l-immobbli hawn fuq deskritta; u

b. is-somma ta' sitta u erbgħin ewro u għoxrin ċenteżmu (€46.20c) arretrati ta' ċens għal dawn l-aħħar tletin sena,

liema somma totali ta' sebgħa u sebgħin euro (€77.00c) tista' liberament tittieħed mill-intimat wara li titħalla debita riċevuta.

Inti għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Brigitte Sultana LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 9 ta' Settembru, 2025

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

That the applicants also would like to pay the arrears on this ground rent for the past thirty (30) years, amounting to forty-six euros and twenty cents (€46.20c);

Whereas, however, the applicants do not know who the owners of this direct dominium are.

Therefore, the applicants, in order to absolve themselves of all liability, are applying to this Honourable Court and under its authority deposit:

a. the sum of thirty euros and eighty cents (€30.80) redemption of ground rent on the above-described property; and

b. the sum of forty-six euros and twenty cents (€46.20c) arrears of ground rent for the past thirty years,

which total sum of seventy-seven euros (€77.00c) may be freely withdrawn by the respondent after tendering due receipt.

You are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and hereby summon anyone who wants to appear as curator to appear within six (6) days in this Registry and make a note declaring so.

You are also ordered to inform one and all that if they do not file this declaration within the time granted above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above with the testimony of the Magistrate Dr Brigitte Sultana, LLD, LLM (Cardiff), Adv. Trib. Eccl. Melit., a Magistrate of the aforementioned Court.

This 9th of September, 2025

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2305

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fil-21 ta' Awwissu, 2025 (Rikors numru 89/2025) ta' Mary Rose Xerri et fejn intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Carmel Buttigieg, ġuvni, bin il-mejtin Anthony Buttigieg u Mary

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the 21st of August, 2025 (Application number 89/2025) by Mary Rose Xerri et, the opening of the succession was requested of Carmel Buttigieg, bachelor, son of the late

Assunta Buttigieg née Mizzi, imwieled r-Rabat, Għawdex, u miet ir-Rabat, Għawdex, fil-25 ta' Settembru, 2017 (KI 42939G) u ta' Joseph Buttigieg, ġuvni, bin il-mejtin Anthony Buttigieg u Mary Assunta Buttigieg née Mizzi, imwieled ir-Rabat, Għawdex, u miet ir-Rabat, Għawdex, fit-8 ta' Diċembru, 2021 (KI 56837G), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' Mary Rose Xerri (KI 82247G), Maria Antonia Buttigieg (passaport Amerikan numru 466818827) u Michael Buttigieg (passaport Amerikan numru 560750577) fi kwota ta' wieħed minn erbgħa u għoxrin (1/24) sehem indiviż kull wieħed, a favur ta' Mary Bajada (passaport Awstraljan numru N7062650), Pauline Spiteri (passaport Awstraljan numru 49111468), Carmen Portelli (passaport Awstraljan numru M8755817), Mario Xerri (passaport Amerikan numru 506366159), Joseph Xerri (passaport Amerikan numru 535988429) u Laurence Xerri (passaport Amerikan numru 499886008) fi kwota ta' wieħed minn tnejn u sebgħin (1/72) sehem indiviż kull wieħed u favur ta' Mario Buttigieg (assigurazzjoni nazzjonali Kanadiża numru 475-441-499), Michael Buttigieg (passaport Malti numru MT002030), Anthony Buttigieg (passaport Malti numru MT072193), Frank Buttigieg (passaport Malti numru MT020949) u Josephine Mary Murgia (passaport Malti numru HC192182) fi kwota ta' wieħed minn mija u għoxrin (1/120) sehem indiviż kull wieħed, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 22 ta' Awwissu, 2025

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Anthony Buttigieg and Mary Assunta Buttigieg née Mizzi, born in Victoria, Gozo, and died in Victoria, Gozo, on the 25th of September, 2017 (ID 42939G) and of Joseph Buttigieg, bachelor, son of the late Anthony Buttigieg and Mary Assunta Buttigieg née Mizzi, born in Victoria, Gozo and died in Victoria, Gozo on the 8th of December 2021 (ID 56837G), which opening of succession is to be made in favour of Mary Rose Xerri (ID 82247G), Maria Antonia Buttigieg (American passport number 466818827) and Michael Buttigieg (American passport number 560750577) in the quota of one out of twenty four (1/24) undivided shares each, in favour of Mary Bajada (Australian Passport number N7062650), Pauline Spiteri (Australian Passport number 49111468), Carmen Portelli (Australian Passport number M8755817), Mario Xerri (American Passport number 506366159), Joseph Xerri (American Passport number 535988429) and Laurence Xerri (American Passport number 499886008) in a quota of one out of seventy two (1/72) undivided shares each and in favour of Mario Buttigieg (Canadian national insurance number 475-441-499), Michael Buttigieg (Maltese passport number MT002030), Anthony Buttigieg (Maltese passport number MT072193), Frank Buttigieg (Maltese passport number MT020949) and Josephine Mary Murgia (Maltese passport number HC192182) in a quota of one hundred and twenty (1/120) undivided shares each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 22nd of August, 2025

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

2306

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-3 ta' Ottubru, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 19/2024AF, fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Dan Robert Buthler, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 3rd October, 2024, in the records of the Sworn application number 19/2024AF, in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs Dan Robert Buthler, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana vs Dan Robert Buthler (173568A) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-11 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tordna l-kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bħala Dok. 'B' u Dok. 'Ċ', jiġu notifikati lill-intimat skont id-dispożizzjonijiet relevanti tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Tordna r-reġistrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok. 'B' bħala kopja uffiċjali tagħha, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu eżekuttiv.

Notifika Intimat: Dan Robert Buthler (173568A), 13, Bay View, Flat 5, Triq il-Bajja, San Ġiljan

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 9 ta' Settembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application in the names: Commissioner for Revenue and Customs vs Dan Robert Buthler (173568A) filed in the Civil Court, First Hall, on the 11th January, 2024, the applicant asked this Honourable Court to:

1. Order the copy of this application together with the documents hereby attached and marked as Doc. 'B' and Doc. 'C', be notified to the respondent in accordance with the relevant provisions of Cap. 12 of the Laws of Malta;

2. Order the registration of the document hereby attached and marked as Doc. 'B' as an official copy thereof, for such document to constitute an enforceable title.

Notification respondent: Dan Robert Buthler (173568A), 13, Bay View, Flat 5, Triq il-Bajja, St Julian's

Registry of the Superior Courts, today 9th September, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2307

Permezz ta 'digriet mogħti fis-26 ta' Ġunju, 2025, il-Qorti Ċivili, Prim'Awla, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kodiċi ta 'Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Alexander John sive Alex Zerafa (188788M).

Permezz ta 'rikors ta' revoka ta' GTM Projects Limited (C92765) fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 79/2025 fl-ismijiet: GTM-Projects Limited (C92765) vs Alexander John sive Alex Zerafa (188788M) ippreżentat fil-11 ta' Frar, 2025, talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tħassar u tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 79/2025 fl-ismijiet premessi ai termini tal-Organizzazzjoni 836 tal-Kodiċi tal-Artikolu u Proċedura Ċivili;

2. Tikkundanna lis-soċjetà attriċi tħallas l-ispejjeż u danni ai termini tal-Artikolu 836 (8) (a) u (d) tal-Kodiċi tal-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li ġew ikkawżati lil AZ permezz ta' dan il-mandat ta' sekwestru frivolu, vessatorju, abbużiv u intimidanti fejn Neal Azzopardi flok ħallas l-ammont kif dovut fit-Tnejn ta' Diċembru, 2024, fl-ammont ta' ħamest elef ewro (€5,000), spiċċa qaleb il-fatti biex jagħti storja billi jimmalafama u jakkuża lil Alex Zerafa għal tali aġir.

Salv kull provvediment ulterjuri li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq tagħti.

By means of a decree of the 26th June, 2025, the Civil Court, First Hall, ordered the publication of the following extract for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Alexander John sive Alex Zerafa (188788M).

By means of an application of revocation of GTM projects Limited (C92765) in the records of the garnishee order number 79/2025 in the names: GTM-projects Limited (C92765) vs Alexander John sive Alex Zerafa (188788M) filed on the 11th February, 2025, respectfully asked this Honourable Court to:

1. Cancel and revoke the precautionary garnishee order number 79/2025 in the names premised in terms of Article 836 of the Code of Organisation and Civil Procedure;

2. Condemn the plaintiff company to pay the costs and damages in terms of Article 836 (8) (a) and (d) of the Code of Organisation and Civil Procedure which were caused to AZ by means of this frivolous, vexatious, abusive and intimidating Garnishee order whereby Neal Azzopardi instead of paying the amount due on the Monday of December, 2024, in the amount of five thousand euro (€5,000), he ended up changing facts to give a story by defaming and accusing Alex Zerafa of such behaviour.

Saving any further provision that this Honourable Court deems fit to give.

Imħallef: l-Onor. Joanne Vella Cuschieri

Il-Qorti

Rat ir-rikors

Tilqa' t-talba kif dedotta bil-pubblikazzjoni f'gazzetta lokali waħda.

Illum 26 ta' Ġunju, 2025

Notifika: GTM-Projects Limited (C92765), Front Business Centre, Livell 2, Triq l-Irħam, Il-Marsa

Reġistru tal-Qorti Ċivili, illum 9 ta Settembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Judge: the Hon. Joanne Vella Cuschieri

The Court

Saw the application

Grant the request as deduced by publication in one local newspaper.

This 26th June, 2025

Notification: GTM-projects Limited (C92765), Forefront Business Centre, Level 2, Triq l-Irħam, Marsa

Registry of the Civil Court, today 9th September, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2308

ARB/C039/2024 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Settembru, 2025, mill-Qorti Kriminali (l-Onor. Imħallef Edwina Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Ir-Repubblika ta' Malta

Kontra

JOSEPH MUSCAT;

KONRAD MIZZI;

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI;

IVAN VASSALLO, direttur, ta' 60 sena, iben il-mejjet Anthony Vassallo u Maria Vassallo xebba Busuttil, imwieled l-Imtarfa, Malta, fl-24 ta' April, 1965, u residenti f'Ella Court, Flat 5, Vjal ir-Repubblika, Ħal Għargħur u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 254865M.

MARIO VICTOR GATT;

BRIAN BONDIN;

ARB/C039/2024 – VARIATION OF A SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st September, 2025, given by the Criminal Court (the Hon. Judge Edwina Grima, LLD). In the case:

The Republic of Malta

Versus

JOSEPH MUSCAT;

KONRAD MIZZI;

KEITH SCHEMBRI;

CLARENCE JOHN CONGER-THOMPSON;

CHRISTOPHER SPITERI;

JONATHAN VELLA;

DAVID-JOSEPH MELI;

IVAN VASSALLO, director, 60 years, son of the late Anthony Vassallo and Maria Vassallo née Busuttil, born in Mtarfa, Malta, on the 24th April, 1965, and residing at Ella Court, Flat 5, Vjal ir-Repubblika, Ħal Għargħur, and holder of Maltese identity card bearing number 254865M.

MARIO VICTOR GATT;

BRIAN BONDIN;

ADRIAN HILLMAN;

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED;

EURYBATES LIMITED, inkorporata fit-18 ta' Settembru, 2015, b'numru tar-reġistrazzjoni Malti C 72304 u li għandha l-indirizz irreġistrat bħala Ella Court, Flat 5, Vjal ir-Repubblika, Għargħur, Malta.

TAOMAC LIMITED;

U

NEXIA BT LIMITED;

Il-Qorti AWTORIZZAT lil Dott. Helga Buttigieg bħala l-amministratriċi maħtura mill-Qorti għal EURYBATES LIMITED proprjetà ta' IVAN VASSALLO biex tbigħ il-proprjetà immobbli tas-soċjetà EURYBATES LIMITED jinsab fl-indirizz tal-appartament immarkat internament numru 14 u garaxx numru 7, 'Bastion Court', Triq A. M. Valperga kantuniera ma' Triq il-Karmelitani, Il-Fgura. Mir-rikavat ta' dan il-bejgħ Dott. Helga Buttigieg għandha tħallas id-djun li ġejjin:

a) Is-somma ta' €42,952 dovuti lill-awditur imsemmi fid-digriet tal-qorti datat l-1 ta' Settembru, 2025;

b) Is-somma ta' €53,831 dovuti lill-Malta Tax and Customs Authority li tirrappreżenta t-taxxa;

c) Is-somma ta' €19,801 dovuti bħala bolla lill-Malta Tax and Customs Authority;

d) Is-somma ta' €89,031.81 dovuti lill-Malta Tax and Customs Authority li tirrappreżenta t-taxxa fuq il-valur miżjud;

e) Is-somma ta' €76,250 dovuti lil-Lands Authority li tirrappreżenta l-arretrati ta' kera inkonnessjoni ma' kjosk u żewġ stores;

ADRIAN HILLMAN;

PIERRE SLADDEN;

BRIAN TONNA;

KARL CINI;

SCIACCA GRILL LIMITED;

KASCO ENGINEERING COMPANY LIMITED;

FSV LIMITED;

MTRACE PLC;

GATEWAY SOLUTIONS LIMITED;

TECHNOLINE LIMITED;

EURYBATES LIMITED, incorporated on the 18th September, 2015 with Maltese registration number C 72304 and registered address at Ella Court, Flat 5, Vjal ir-Repubblika, Għargħur, Malta.

TAOMAC LIMITED;

AND

NEXIA BT LIMITED;

The Court AUTHORISES Dr Helga Buttigieg as the Court appointed administrator for EURYBATES LIMITED owned by IVAN VASSALLO to sell the immovable property of EURYBATES LIMITED situated in the address of apartment internally marked number 14 and garage number 7, 'Bastion Court', Triq A. M. Valperga corner with Triq il-Karmelitani, Fgura. From the proceeds of this sale Dr Helga Buttigieg shall pay the following debts:

a) The sum of €42,952 due to auditor as mentioned in the court decree dated 1st September, 2025,

b) The sum of €53,831 due to the Malta Tax and Customs Authority representing tax;

c) The sum of €19,801 due to the Malta Tax and Customs Authority representing Stamp Duty;

d) The sum of €89,031.85 due to the Malta Tax and Customs Authority representing the value added tax;

e) The sum of €76,250 due to the Lands Authority representing the rent arrears in connection with a kiosk and two stores;

f) Is-somma ta' €530 dovuti lill-Medicines Authority;

g) Is-somma ta' €5,628.60 dovuti lill-perit imsemmi fid-digriet tal-qorti datat l-1 ta' Settembru, 2025;

h) Drittijiet dovuti lid-difensur tas-soċjetà Eurybates;

i) Drittijiet dovuti lill-amministratur Dott. Helga Buttiġieġ.

Il-bejgħ għandu jsir taħt is-sorveljanza tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi. Wara li jsir dan l-amministratriċi Dott. Helga Buttiġieg għandha tħejji rapport u tippreżentah fl-atti tal-kawża fejn miegħu għandu jkun hemm anness il-kuntratt ta' kompro-vendita tal-imsemmija proprjetà immobbli, kif ukoll ir-riċevuti kollha tal-ħlasijiet li jkunu saru.

Il-Qorti wkoll AWTORIZZAT lil amministratriċi Dott. Helga Buttiġieġ sabiex tbigħ il-vettura bir-reġistrazzjoni numru FDA-194. B'dan illi r-rikavat mill-imsemmi bejgħ għandu jiġi ddepozitat fil-Qorti permezz ta' ċedola ta' depożitu, u jkun suġġett għall-Ordni ta' Qbid u Ffrizar f'idejn is-sekwestratarju Reġistratur tal-Qorti, u fl-eventwalità illi l-amministratiċi tkun trid tirtira xi flejjes hemmhekk iddepożitati trid tagħmel talba lill-Qorti għaldaqstant. L-amministratiċi għandha, wara li jsir l-imsemmi bejgħ, tippreżenta kopja taċ-ċedola ta' depożitu fl-atti ta' din il-kawża. Dan il-bejgħ ukoll tal-imsemmi vettura għandu jsir taħt is-sorveljanza tad-Direttur tal-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi.

L-assi rimanenti tas-soċjetà għandhom jibqgħu suġġetti għall-Ordni ta' Qbid u Ffriżar b'dan illi l-amministratriċi tkun tista' tamministra l-kont bankarju fil-kors tal-inkarigu lilha mogħti.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 36 (5) tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kapitolu 621 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni ta' qbid u ffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Rachel Montebello, LLD), fit-28 ta' Mejju, 2024, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fl-4 ta' Ġunju, 2024, fejn il-Qorti ordnat iż-żamma u s-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta' Joseph Muscat, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Clarence John Conger-Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, David-Joseph Meli, IVAN VASSALLO, Mario Victor Gatt, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, Technoline Limited, EURYBATES LIMITED, Taomac Limited, u Nexia BT Limited.

f) The sum of €530 due to the Medicines Authority;

g) The sum of €5,628.60 due to architect as mentioned in the Court decree dated 1st September, 2025;

h) Dues payable to the legal representative of Eurybates Limited;

i) Dues payable to the administrator Dr Helga Buttigieg.

The sale shall be carried out under the supervision of the Director of the Asset Recovery Bureau. Following the sale, the administrator Dr Helga Buttigieg shall prepare a report and present it in the case file, to which shall be annexed the contract of sale of the said immovable property, as well as all receipts of the payments made.

The Court further AUTHORISES the said administrator Dr Helga Buttigieg to sell the vehicle with registration number FDA-194. The proceeds of the said sale shall be deposited in Court by means of a deposit slip and shall be subject to the Order of Seizure and Freezing in the hands of the sequestrator Registrar of the Court, and in the event that the administrator wishes to withdraw any monies deposited therein, she shall make a request to the Court accordingly. The administrator shall, after the said sale is made, file a copy of the deposit slip in the records of this case. This sale of the said vehicle shall also be carried out under the supervision of the Director of the Asset Recovery Bureau.

The remaining assets of the company shall remain subject to the Seizure and Freezing Order, so that the administrator may administer the bank account in accordance with the mandate given to her.

This variation is being published in terms of Article 36 (5) of the Proceeds of Crime Act, Chapter 621 of the Laws of Malta, following a seizing and freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Rachel Montebello, LLD) on the 28th May, 2024, which was published in the Government Gazette on the 4th June, 2024, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to Joseph Muscat, Konrad Mizzi, Keith Schembri, Clarence John Conger-Thompson, Christopher Spiteri, Jonathan Vella, David-Joseph Meli, IVAN VASSALLO, Mario Victor Gatt, Brian Bondin, Adrian Hillman, Pierre Sladden, Brian Tonna, Karl Cini, Sciacca Grill Limited, Kasco Engineering Company Limited, FSV Limited, MTrace plc, Gateway Solutions Limited, Technoline Limited, EURYBATES LIMITED, Taomac Limited, and Nexia BT Limited.

Illum 10 ta' Settembru, 2025

IS-SUR GABRIEL BONANNO
Għan-nom tad-Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

Today 10th September 2025

MR GABRIEL BONANNO
On behalf of the Director, Asset Recovery Bureau

2309

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Marzu, 2025, fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 144/2025, maħruġ fit-3 ta' Frar, 2025, fl-ismijiet: Flavine Pharma France vs Axano Pharmaceuticals Limited, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni, a tenur tal-Artikolu 187 et sequitur tal-Kapitlu 12, biex isservi bħala notifika fil-konfront tal-intimat.

Permezz ta' rikors fl-ismijiet: Flavine Pharma France (soċjetà estera bl-indirizz ta' reġistrazzjoni 3, Voie d'Allemagne, 13127 Vitrolles, fi Franza, u bin-numru ta' reġistrazzjoni 53850375600032) kif lokalment rappreżentata mll-mandatarji speċjali l-Avukat Julienne Bencini (245084M) u l-Avukat Calvin Calleja (362994M) vs Axano Pharmaceuticals Limited (C88398) ippreżentat fil-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-14 ta' Marzu, 2025, ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tawtorizza n-notifika tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 144/2025 fl-ismijiet hawn fuq premessi lis-soċjetà debitriċi Axano Pharmaceuticals bl-affissjoni u bil-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern u kif ukoll f'żewġ gazzetti lokali ta' kuljum, u dan skont il-provvedimenti li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni.

Ir-Rikors Ġuramentat numru 152/2025AB fl-atti ta' Mandat ta' Sekwestru numru 144/2025 fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-30 ta' Settembru, 2025, fil-11.30 a.m.

Notifika Intimat: Axano Pharmaceuticals Limited (C88398), No. 195, Helen Flats No. 2, Triq in-Naxxar, San Ġwann SGN 9031

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 11 ta' Settembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 17th March, 2025, in the records of the Garnishee order number 144/2025, issued on the 3rd February, 2025, in the names: Flavine Pharma France vs Axano Pharmaceuticals Limited, the following publication was ordered, in terms of Article 187 et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent.

By means of an application in the names: Flavine Pharma France (a foreign company with registration address 3, Voie d' Allemagne, 13127 Vitrolles, in France, and with registration number 53850375600032) as locally represented by special mandataries Advocate Julienne Bencini (245084M) and Advocate Calvin Calleja (362994M) vs Axano Pharmaceuticals Limited (C88398) filed in the Civil Court, First Hall, on the 14th March, 2025, the applicant asked this Honourable Court so that:

1. Authorise the service of the precautionary Garnishee order number 144/2025 in the names above premised to the debtor company Axano Pharmaceuticals by posting and publication in the Government Gazette as well as in two local daily newspapers, and this according to the provisions that this Honourable Court deems fit and opportune.

The Sworn application number 152/2025AB in the records of the Garnishee Order number 144/2025 in the names mentioned above is postponed to 30th September, 2025, at 11.30 a.m.

Notification Respondent: Axano Pharmaceuticals Limited (C88398), No. 195, Helen Flats No. 2, Triq in-Naxxar, San Ġwann SGN 9031

Registry of the Superior Courts, today 11th September, 2025

GABRIEL MANGION
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

2310

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fil-5 ta' Settembru, 2025, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Samah Mansour, Alaeddin Halbie u Lawand Khaled.

By a decree of the Civil Court, First Hall, of the 5th September, 2025, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187 (3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) on the respondent Samah Mansour, Alaeddin Halbie and Lawand Khaled.

Permezz ta' Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ppreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Awwissu, 2025, fl-ismijiet Adrian Falzon (209083M) vs Samah Mansour (148406L), Alaeddin Halbie (35069A) u Lawand Khaled (704119L). Ir-rikorent Adrian Falzon (209083M) talab illi l-Onorabbli Qorti tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimata sabiex jikkawtela l-jeddijiet tiegħu, jixtieq iżomm lill-intimati milli jbigħu, jittrasferixxu jew jiddisponu inter vivos b'titolu oneruż jew gratuwitu jew b'xi mod joħolqu piż jew drittijiet reali u, jew personali fuq il-fond ossija dar bl-arja tagħha li ġġib in-numru uffiċjali mija u tmienja u tletin (138), magħruf bl-isem 'Whoopie', fi Triq San Albert, Il-Gżira.

Illi dan il-mandat għandu jiġi milqugħ provviżorjament.

Illi l-esponenti se jiġi preġudikat jekk is-soċjetà intimata ma tiġix inibita kif ingħad.

Għaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni inkwistjoni kontra s-soċjetà intimata.

Il-mandat ta' inibizzjoni numru 1216/2025 jinsab differit għas-16 ta' Settembru, 2025, fl-10.00 a.m.

Rikorrent: Adrian Falzon (209083M), 136, Triq San Albert, Il-Gżira

Notifika Intimati: Samah Mansour (148406L), 138, 'Whoopie', Triq San Albert, Il-Gżira
Alaeddin Halbie (35069A), 138, 'Whoopie', Triq San Albert, Il-Gżira
Lawand Khaled (704119L), 92, 'Milja Court', Mezzanin 2, Triq Dun Franġisk Sciberras, Il-Mellieħa

Imħallef: Dott. Grazio Mercieca

Il-Qorti,

Rat ir-rikors,

Tilqgħu proviżorjament,

Tordna n-notifika lill-kontroparti b'għaxart (10) ijiem għar-risposta;

Tappuntah għas-smigħ għas-16 ta'Settembru, 2025, fl-10.00 a.m.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, illum 11 ta' Settembru, 2025

GABRIEL MANGION
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

